# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Is-SITTIN Sena 1945 - 2005

Jannar 2005 *IL-LEĦEN TA' L-GĦAWDXIN* Nru. 865





## L-ISPIGOLATRIĊI FIX-XAGĦRA



Intervista p. 12



Dan... min hu?

p. 10



Iċ-Ċittadella

p. 30

MARY MEYLAK



p. 16

Żewġ Anniversarji



Fl-aħħar!

p. 8

Lm100,000 għall-Ġgantija

# Dħalna fis-sena 2005...

## Is-Sittin Sena tar-Rivista Tagħna l-Għawdxin

# Il-Ħajja f'Għawdex




## Inkomplu nisbieħu flok neqdiemu...

**FEATURES ĠODDA!**

- Statistika Għawdxija
- Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi
- Paġna ta' pariri għaż-Żgħażagħ

**LOGOS ĠODDA!**

Qed nagħtu stil aktar attraenti lill-qoxra u lill-paġni l-oħra, b'ritratti u logos differenti.

**ABBONATI ĠODDA!**

Se nniedu kampanja qawwija għal aktar abbonamenti fost l-Għawdxin.

*Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2005, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew money order ta' Lm3 jew Lm5 lill-* ***Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111, Għawdex.***

---

Isem ______________________

Indirizz ______________________

*Nixtieq nabbona (ġdid)* ☐ *jew inġedded l-abbonament* ☐ *għall-2005*

☐ *Lm3 Abbonament Regolari*

☐ *Lm 5 Abbonament Sostenitur* FIRMA ______________________

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
*Ħarġa nru. 865*
*Jannar 2005*
**Maħruġa mid-**
**Djoċesi ta' Għawdex**

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta'Diċembru 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
"Status Quo" • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista :
Qamħ ħaj fl-għalqa tal-Mulej • 12
Mary Meylak :
100 sena minn twelidha- 30 sena minn mewtha •16
Mill-Knisja fid-Dinja •18
Versi Riflessivi •19
ACM: "Tħallix il-ħażen jirbħek,
iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb..." •20
Ktieb x'Taqra:
It-tagħlim soċjali tal-Knisja minn Piju IX
sa Ġwanni XXIII fi tliet volumi uniċi • 22
Għawdex 300 sena ilu :
Gardjola taċ-Ċittadella Mġedda • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (33):
It-Trinità Qaddisa (3) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (32) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi(1): Iċ-Ċittadella •30
Xhieda Nisranija: Ġużeppa Debono (1) •32
Ħolm il-Ħajja •33
Għawdxin li għadna niftakru (21) -
Manwil tan-Nunu • 34
Passiġġata Biblika- 3 • 36
Int u saħħtek • 38
Fehmet il-Qarrejja • 40
Sport f'Għawdex •41
Ġenn id-Dinja • 42





## *Dħalna fis-Sittin Sena...*

*Sittin sena! Is-soltu nassoċċjaw din iċ-ċifra ma l-eta' tal-pensjoni, ma l-irtirar – meta wieħed wara perijodu ta' snin jaħdem, jieqaf mix-xogħol tiegħu u jieħu l-mistrieħ li jkun jistħoqqlu. Sittin sena ilu twieled fil-gżira tagħna il ġurnal 'Għawdex', maħruġ mid Djoċesi Għawdxija' - perjodiku ta' interess ġenerali, b'lenti fuq il-ħajja soċjali fid-dawl tal-fidi Nisranija.*

*Dan il-perjodiku twieled biex jibqa'. Din il-ħarġa ta' Jannar 2005 timmarka it-865 edizzjoni. Mhux dejjem kien faċli li 'r-rivista ta' l-għawdxin', kif ġieli tissejjaħ, tibqa' toħroġ regolarment. Id-diffikultajiet kienu u għadhom hemm. Biżżejjed nirreferikom għall-ispejjeż ta' l-istampar li dejjem jogħlew, spejjeż tal-posta u spejjeż oħra involuti fl-issettjar tar-rivista. Barra minn dan insemmi l-glieda kontinwa maż-żmien biex ir-rivista kemm jista jkun toħroġ fil-ħin, peress li r-rivista hija waħda mensili. Però dawn id-diffikultajiet u oħrajn magħhom dejjem ingħelbu, għax dejjem emminna fil-validità ta' dan il-perjodiku. Ta' qabilna, minkejja l-limiti tal-mezzi li llum għandna, dejjem ħabirku biex ir-rivista tibqa' popolari u interessanti.*

*Ma tistax ħaġa tibqa' popolari u attraenti mingħajr ma tevolvi xi tibdil u għalhekk ġie żmien li mhux biss inbidel l-isem, li minn 'Għawdex' sar "Il-Ħajja f'Għawdex', imma wkoll il-format, il-preżentazzjoni, ir-rubriki, u l-materjal in-ġenerali. Kienu diversi dawk li ikkontribwew b'artikli u materjal ieħor biex ikomplu jgħinu din ir-rivista timxi 'l quddiem u b'dan il-mod sostnew minn żmien għal żmien il-livell tal-pubblikazzjoni. Illum hawn ħafna li jiftaħru li għandhom il-kollezzjoni ta' 'Il-Ħajja f"Għawdex' u jgħożżuha bħallikieku hija enċiklopedija unika ta' tagħrif u informazzjoni dwar Għawdex u l-Għawdxin, it-tradizzjonijiet, l-avvenimenti u l-folklore lokali, u l-ħajja soċjali u reliġjuża tagħna.*

*Aħna, li illum ninsabu afdati bir-responsabilità tal-pubblikazzjoni ta' din ir-rivista, nħossuna obbligati li nkomplu fuq il-passi ta' qabilna biex 'Il-Ħajja f'Għawdex' tkompli bil-mixja tagħha anke fiż-żminijiet tallum. Illum quddiemna għandna sfidi ġodda li rridu nindirizzaw. F'dinja li titlob professjonalità minn kull aspett, inħossu li rridu nippreżentaw kemm jista' jkun prodott tajjeb, attraenti u serju. Għaldaqstant qed nippruvaw nagħtu mill-ġdid bixra ġdida lir-rivista, mhux biss bl-introduzzjoni ta' rubriki ġodda, biex aktar nippruvaw nolqtu l-gosti ta' kulħadd, imma wkoll dehra ġdida lil xi paġni li huma regolari. Nittama li dan it-tibdil jintlaqa' tajjeb. F'dan ir-rigward, matul din is-sena biħsiebna wkoll inniedu kwestjonarju mal-qarrejja dwar ir-rivista, li fih kulħadd ikun jista' jagħmel il-kritika tiegħu, kif ukoll jissuġġerilna fejn nistgħu intejbu l-prodott tagħna.*

*Hija wkoll ix-xewqa tagħna li nippruvaw nilħqu aktar qarrejja. Nemmnu li l-materjal li toffri r-rivista jista' jiġi apprezzat iżjed, b'mod speċjali mill-ġenerazzjoni ta' l-istudenti tal-livell sekondarju u terzjarju. L-abbonati m'humiex ftit iżda jeħtieġ li jsir sforz kollettiv biex dawn jiżdiedu.*

*Fl-aħħar nett inħoss li nkun nonqos jekk f'din l-okkażjoni ma nsellimx u ma nirringrazzjax lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom biex 'Il-Ħajja f'Għawdex' hi dik li hi: edituri, kontributuri regolari u okkażjonali, ż-żelaturi u żelatriċi, ditti u aġenziji li jirreklamaw fir-rivista, dawk li jieħdu ħsieb it-tqassim qabel l-impustar u mhux anqas lill-abbonati kollha.*

*Nagħlaq b'dak li kien qal għaxar snin ilu, fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twelid tar-rivista, l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, li kien ukoll wieħed mill-edituri ta' 'Il-Ħajja f'Għawdex' u għadu sallum kontributur regolari, : "Nittama għalhekk li kif fl-imgħoddi, hekk ukoll għal li ġej, il-qarrejja u l-benefatturi oħra jkomplu jsostnu r-rivista 'Il-Ħajja f'Għawdex' bit-talb u b'kull għajnuna oħra".*

***Dun Ruben Micallef***




### *Ir-Rally ta' l-Għaqdiet*

Fil-bidu ta' Novembru is-Segretarjat tal-KDAL ħa ħsieb iqassam xi punti dwar is-suġġett magħżul għall-44 *Rally* ta' l-Għaqdiet: "L-Ewkaristija, Għajn u Quċċata ta' l-Appostolat" biex jiġu diskussi fuq livell parrokkjali. Kull grupp kellu jibgħat lis-Segreterija is-suġġerimenti u l-konklużjonijiet li jkunu ħarġu mil-laqgħa. Il-Ħadd, 28 ta' Novembru, 2004 ġie ċċelebrat l-44 *Rally* ta' l-Għaqdiet Kattoliċi fuq livell djoċesan, fis-sala ta' l-Azzjoni Kattolika. Il-programm beda b'diskors mill-Isqof, imbagħad kien hemm il-*Forum* li ħadu sehem fih Fr Eddie Zammit, Mr Alfred Grech u Antonia Sciberras; saru wkoll xi interventi minn dawk preżenti, inġabru ir-riżoluzzjonijiet u ġew approvati. Ir-*Rally* wasal fit-tmiem tiegħu biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Ir-riżoluzzjonijiet ta' dan l-44 *Rally* tal-Għaqdiet għandhom jidhru fl-Atti tal-Kurja.

### *Il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità*

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ddedikata lill-persuni b'diżabilità Mons Isqof fit-28 ta' Novembru 2004 mexxa konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu li għaliha kienu mistiedna dawn il-persuni flimkien ma' assoċjazzjonijiet u għaqdiet oħra li jieħdu ħsieb jew jagħtu xi servizz lill-persuni b'xi diżabilità.

### *L-onomastiku ta' Mons Isqof*

Is-6 ta' Diċembru ħabat l-onomastiku ta' l-Isqof t'Għawdex li jġib l-isem ta' Nikol. L-Azzjoni Kattolika bħas-snin l-imgħoddija organizzat ikla fost il-membri tagħha li għalija attenda wkoll l-Eċċellenza Tiegħu. L-Azzjoni Kattolika fakkret ukoll lill-membri tagħha biex f'din il-ġurnata joffru talb għall-bżonnijiet ta' Mons Isqof.

### *Ordinazzjoni ta' Djaknu*

Fil-għaxija tat-18 ta' Diċembru 2004 f'konċelebrazzjoni li mexxa Mons Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat saret l-ordinazzjoni tad-djakonat ta' Fra George Buttigieg. Għall-quddiesa, barra numru sabiħ ta' saċerdoti u patrijiet, kien hemm ukoll jikkonċelebra l-Provinċjal ta' l-Ordni.

### *Laqgħa għall-Abbatini ta' Għawdex*

Fit-18 ta' Diċembru 2004 fis-sala tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù saret il-laqgħa ta' l-abbatini li soltu tiġi organizzata fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied. Il-programm li tħejja għalihom sar bil-ħidma tas-saċerdot responsabbli mill-abbatini fuq livell djoċesan, il-kappillan ta' l-Għasri l-Kan Dun Edward Xuereb, flimkien mas-seminaristi. Fil-bidu tal-laqgħa kien hemm konċelebrazzjoni minn Mons Isqof u wara kien hemm programm sħiħ ta' teatrin u logħob ieħor.

### *Artal ġdid fil-knisja ta' Santa Luċija*



L-artal l-ġdid li sar fil-knisja ta' Santa Luċija ġewwa Kerċem huwa disinn u xogħol il-marmista Ġużepp Azzopardi ta' Ħal-Lija, Malta. L-artal tbierek f'quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali, fis-19 ta' Novembru 2004. Fit-8 ta' Diċembru 2004, fis-6.00 ta' fil-għaxija Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha kkonsagra l-artal il-ġdid. Attività oħra li saret f'din il-knisja f'rabta mal-festa ta' Santa Luċija kienet it-tberik tal-pittura fil-koppla, xogħol ta' Austin Camilleri. It-tberik sar minn Mons Isqof fid-29 ta' Novembru 2004. Fis-19 ta' Diċembru 2004, ir-Rettur Dun Frankie Sultana ppreżenta *wheelchair* bħala donazzjoni għall-użu fl-*Arka Respite Centre*, lid-direttur Mons. Manwel Curmi.

### *Il-150 anniversarju mid-Domma ta' l-Immakulata*

Fl-okkażjoni tal-150 anniversarju minn meta il-Papa Piju IX iddefinixxa d-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni, saru festi speċjali fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fir-



Rabat, Għawdex. Mons Isqof kien mistieden biex jagħmel it-Tridu bit-thejjija għal din il-festa. Din il-ġrajja ġiet imfakkra wkoll bl-istedina li saret lill-Kardinal Edmund Szoka biex jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru. Huwa kien akkumpanjat minn Mons Giorgio Corbellini. Fit-8 ta' Diċembru l-Kardinal Szoka mexxa il-pontifikal ta' filgħodu (ritratt) u filgħaxija il-purċissjoni.

Fis-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni fil-parroċċa tal-Qala, barra l-funzjonijiet festivi tas-soltu, waqt il-Pontifikal Solenni ta' nhar il-festa Mons. Isqof Nikol Cauchi inawgura u bierek Monument b'iskrizzjoni kommemorattiva, li tfakkar il-150 Sena tad-Domma mill-Beatu Papa Piju IX, kif ukoll il-50 Sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Kunċizzjoni (xogħol Federico Barocci) mill-Isqof preċedenti Mons. Ġużeppi Pace fl-1954.

## *Il-Festival tal-Korijiet Għawdxin*

Il-25 Festival tal-korijiet tal-Milied sar fit-28 ta' Diċembru 2004, fis-6.30 ta' fil-għaxija fil-knisja arċipretali u matriċi ta' Santa Margerita, Sannat. Dan il-festival ġie mtella' minn Fr Effie Masini li huwa s-Segretarju tal-Edukazzjoni u l-Kultura fl-Uffiċċju tal-Kurja. Għal dan il-festival daħlu 7 korijiet, fosthom il-kor tal-parroċċa fejn kien qed jiġi organizzat dan il-festival, il-Kor "Ulied Margerita". Mons Isqof kien preżenti għal dan il-festival sabiħ u qabel ma qassam it-trofej lil kull kor li ħa sehem, huwa ta l-messaġġ tiegħu u fl-aħħar ħa l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-parteċipanti kollha mhux biss talli ħadu sehem, iżda wkoll tas-servizz importanti li jagħtu matul is-sena kollha bil-kant tagħhom fil-Liturġija tal-Knisja fil-parroċċi tagħhom .

Majestic too Electronics Centre
Video & DVD Rentals,
*Sales of*: TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners
*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299
**Authorized Dealers in Gozo for**
SAMSUNG *Satellite Receivers*
SANYO *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer *Sound and Vision*
Roadstar *Hi-Fi's of All Kinds*
*REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.*

# X'ġara dan l-aħħar



Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri

## *Akkademja Mużiko-Lettararja b'ġieħ u b'tifkira lil Marija Immakulata*

Il-Komunità Franġiskana tal-Knisja ta' Sant' Antnin ta' Għajnsielem tellgħet din is-serata fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata u t-tifkira tal-ħamsin sena mill-miġja ta' l-istatwa ta' Marija Immakulata tal-Qala fil-knisja tal-patrijiet. L-akkademja saret il-Ħamis 25 ta' Novembru taħt il-patroċinju ta' l-Onor. Giovanna Debono Ministru għal Għawdex. Ħadet sehem l-orkestra "*Għajnsielem Ensemble*" u l-Kor Sant' Antnin.

## *Il-"Milied Flimkien" b'diversi attivitajiet kulturali, artistiċi u filantropiċi*



Il-Kumitat Organizzattiv Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex organizza bosta attivitajiet marbuta ma' dan iż-żmien sabiħ tas-sena. Mit-12 ta' Diċembru sas-6 ta' Jannar fil-Banċa Giuratale fi Pjazza Indipendenza Victoria ttellgħet wirja unika ta' **presepju barokk Naplitan maħdum mill-artist Għawdxi Fr Charles Vella**. Sar il-*Grand Christmas Concert* mill-*Gozo Youth Orchestra* u kor bis-sehem ta' solisti Għawdxin u Maltin taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech. Dan il-kunċert sar fis-sala ta' l-Oratorju Don Bosco Victoria, lejn tmiem is-sena. Fl-20 ta' Diċembru ttellgħet l-attività "Il-Milied mit-Tfal għat-Tfal" taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Dr Edward Fenech Adami, President ta' Malta b'risq il-*Community Chest Fund*. Din l-attività saret fil-knisja arċipretali tal-Qala. Fis-26 ta' Diċembru sar kunċert festiv ta' tmiem is-sena mill-kor u l-orkestra tal-Museum tan-Nadur, subien u bniet, fis-sala tal-Kumpless Ninu Cremona Victoria. Il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni ta' Antoine Theuma.

## *Ġieħ in-Nadur lil Michael Grima*



Il-Premju Ġieħ in-Nadur għas-sena 2004 ingħata lil Michael Grima waqt serata speċjali li saret fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill Lokali nhar is-Sibt 20 ta' Novembru 2004. Huwa rċieva dan il-premju għall-ħidma kontinwa tiegħu biex jiġbor oġġetti marittimi, liema oġġetti huwa ġabar mill-portijiet ta' Malta. Ftit tas-snin ilu, huwa ta din il-kollezzjoni kbira lill-Parroċċa tan-Nadur sabiex isir mużew pubbliku. Illum l-oġġetti kollha huma esebiti fil-Muzew Marittimu li jinsab fi Triq il-Kappillan fin-Nadur. Dr. Chris Said, is-Sindku tal-lokalità tan-Nadur, faħħar il-ġest nobbli ta' Michael Grima li ta lir-raħal sebgħin sena ta' ħidma u riċerka. Waqt is-serata li nżammet fit-Teatru MBC ħa sehem il-Kor *Laudate Pueri* u ż-żeffiena tal-*Yada*.

## *Presepji għall-Wiri, Pageants tradizzjonali, u Attivitajiet oħra fl-irħula*

Kienu bosta l-presepji statiċi u mekkaniċi li kellna għal-wiri hawn Għawdex bejn it-Tlieta 14 ta' Diċembru u l-Ħamis 6 ta' Jannar 2005. Fil-lokalità ta' San Lawrenz lejlet il-Milied reġa' ttella' il-pageant tradizzjonali fit-toroq tar-raħal fejn għadd ta' persunaġġi mxew mat-toroq ifakkru l-ġrajja tal-Milied. Tajjeb li nsemmu l-"Għaqda Milied" fix-Xagħra li organizzat ħafna attivitajiet tal-Milied bejn il-Ħadd 5 ta' Diċembru u l-Ħadd 9 ta' Jannar 2005. Inżamm presepju ħaj ħdejn il-knisja tan-Nażżarenu mill-24 ta' Diċembru 2004 sat-2 ta' Jannar 2005. Fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu kien hemm presepju differenti mis-soltu. Kienet biċċa xogħol kontemporanja li turi x-xena tat-twelid tal-Bambin, xogħol l-iskultur Għawdxi John Grima. L-artist dam ħames xhur biex ilesti l-iskultura bajda magħmula minn ġibs u *polestyrene*.

## *Statistika tal-passiġġieri u vjaġġi tal-"Gozo Channel" fix-xhur tas-sajf 2004*

Bejn Lulju u Settembru 2004 aktar minn miljun u mitejn elf passiġġier qasmu l-fliegu bejn Malta u Għawdex fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel*. Din kienet tfisser żieda ta' 37,000 passiġġier jew tlieta fil-mija fuq l-istess perijodu tas-sena ta' qabel. Min-naħa l-oħra n-numru ta' vetturi naqas f'7,138, tnaqqis ta' tnejn fil-mija fuq l-istess perijodu tas-sena ta' qabel. Vjaġġi saru 5,588, tnaqqis ta' 35 vjaġġ jew 0.6 fil-mija fuq l-istess perijodu tas-sena 2003. L-*M.V. Malita* ġarr 435,795 passiġġier jew 36 fil-mija mit-total. Iż-żewġ vapuri l-oħra l-*MV Gaudos* u l-*MV Ta' Pinu* ġarrew 401,194 u 370,112 passiġġier rispettivament.

## *Ċentru Amministrattiv għall-Patrimonju Malti f'Għawdex fil-Gran Kastell*



Il-maħżen tas-seklu tmintax fi Triq il-Kwartier ta' San Martin fiċ-Ċittadella ta' Għawdex ser jibda jintuża bħala ċentru amministrattiv għall-operat ta' "*Patrimonju Malta*" f'Għawdex u se jinkludi spazju għall-esibizzjonijiet permanenti, taħditiet u attivitajiet relatati. Dan qalu l-Ministru Francis Zammit Dimech fil-parlament. L-affarijiet li kienu jinsabu f'dan il-Mużew tal-Armerija tal-Kavallieri ġew meħuda għar-restawr għax kienu jinsabu fi stat ħażin ta' preservazzjoni.

## *Tagħlaq 100 sena anzjana mir-Rabat, residenti f'Dar Sant' Anna*

Maria Concetta Borg, anzjana mir-Rabat Għawdex, nhar l-1 ta' Diċembru għalqet l-età sabiħa ta' mitt sena. F'din l-okkażjoni ġiet organizzata quddiesa u festin fir-residenza Sant'Anna ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn Maria Concetta hija residenti. Il-quddiesa tmexxiet mill-Isqof ta' Għawdex

# *Fl-AĦĦAR! Lm100,000 GĦALL-ĠGANTIJA!*





Żgur li waħda mill-aħbarijiet sbieħ għall-Għawdxin fl-aħħar *Budget* li tħabbar mill-Gvern għal din is-sena 2005, kienet dik ta' somma ta' Lm100,000 li ġiet ivvotata b'risq it-tiswija meħtieġa lit-Tempji Neolitiċi tal-Ġgantija fix-Xagħra.

Il-Ġgantija hija ċertament l-isbaħ u l-eqdem ġawhra tal-wirt arkitettoniku ta' gżiritna. Tgħodd fuq Ħames t'Elef sena, għax inbniet fil-perjodu tat-Tempji Neolitiċi, Fażi tal-Ġgantija 3600-3000 qabel Kristu.

Konna ilna s-snin nistennew u nittamaw li ssir xi ħaġa bis-serjetà biex il-Ġgantija tiġi salvata mill-qerda u ma tispiċċax borġ ġebel bla sura. L-Għawdxin kollha jħossuhom grati lejn il-Gvern li b'din is-somma ta' Lm100,000 jibdew jittieħdu passi konkreti biex issir **malajr** it-tiswija u l-protezzjoni meħtieġa ħalli l-Ġgantija tiġi salvata milli taqa' f'ħerba.

## *Modernizzar tas-Sala tat-Tfal fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex*

Is-sala tat-tfal ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġiet modernizzata mill-Fondazzjoni Daniel Delicata. Dan sar biex is-sala tinġieb fuq il-livelli tas-swali tat-tfal fl-Isptar *Great Ormond Street Hospital* ġewwa Londra. Il-modernizzar inkluda tibjid, installazzjoni tat-televixin u dvd ma' kull sodda, żewġ *desk tops*, żebgħa ta' l-aperturi, sodda u magħha *PlayStation 2* kif ukoll is-servizz ta' l-*internet*. Sar titjib ukoll fil-kamra tal-logħob. Qed isiru taħdidiet mal-*Maltacom* biex ħdejn kull sodda jkun hemm servizz ta' *easyline* ħalli jitnaqqas l-użu tat-telefon ċellulari u l-ħsara li dan jista' jġib miegħu. Saru purtieri ġodda għas-sala, tranġaw il-kmamar tal-banju u twaħħlu numru ta' stampi mal-ħitan.

TROPICAL FOREST

Aquarium, Pet & Garden Centre



Mġarr Road, Xewkija,
Gozo - Malta.
Tel: 2156 3805
Mob: 9986 4255

TA' ĦAQQU

Rita Azzopardi
"Ta' Ħaqqu", Vjal it-Tmienja ta' Settembru,
Xagħra, Gozo.

Toys, Stationery, Haberdashery,
Clothes, Photocopy & Binding Service.

Tel: 2155 4459




# STATISTIKA U PROSPETTIVA DWAR GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN

## ❶ *Familja Għawdxija taqla' inqas minn familja Maltija*

Familja f'Għawdex għandha dħul finanzjarju inqas minn familja Maltija. Filwaqt li d-dħul medju ta' familja f'Malta huwa ta' Lm8,250, **familja f'Għawdex taqla' Lm7,640**. Iżda mbagħad, f'dak li huwa nfieq, f'Malta familja tonfoq medja ta' Lm7,640 fis-sena u f'**Għawdex familja tonfoq medja ta' Lm8,210 fis-sena**.

Skond l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, li analizza d-differenzi u s-similaritajiet bejn Malta u Għawdex, is-settur domestiku fiż-żewġ gżejjer, **il-konsum tal-pitrolju f'Għawdex huwa d-doppju ta' dak f'Malta**.

**95 fil-mija ta' l-Għawdxin huma sidien ta' djarhom,** filwaqt li huma biss 5 fil-mija biss li għandhom dar bil-kera. Kuntrarju għal Malta, hemm 24 fil-mija li għandhom id-dar mikrija u 76 fil-mija li huma sidien ta' djarhom.

Il-popolazzjoni taż-żewġ gżejjer Maltin għaddejja minn tkabbir stabbli kull sena. Figuri għas-sena 2003 jindikaw li l-popolazzjoni qiegħda tlaħħaq l-400,000. Minnhom, 92 fil-mija jgħixu f'Malta. L-istatistika turi wkoll li Malta għandha densità ikbar ta' popolazzjoni, b'1,494 persuna kull kilometru kwadru. **F'Għawdex, id-densità tal-popolazzjoni hija ta' 460 persuna kull kilometru kwadru**.

Ir-rata tan-nuqqas ta' impjiegi hija kważi l-istess għaż-żewġ gżejjer, b'7.2 fil-mija f'Malta u 7.1 fil-mija f'Għawdex. Iżda **n-nuqqas ta' impjiegi fil-qasam tan-nisa f'Għawdex huwa ikbar, b'10.8 fil-mija** meta mqabbel ma' 7.5 fil-mija tar-rata f'Malta.

Huwa evidenti li **f'Għawdex hemm iżjed karozzi ras għal ras, 0.72 vettura għal kull persuna f'Għawdex** meta mqabbla ma' 0.67 vettura għal kull persuna f'Malta.

Il-produzzjoni ta' l-ilma f'Malta hija ta' 92.6 fil-mija filwaqt li l-konsum huwa ta' 92.5 fil-mija. Min-naħa l-oħra, **il-konsum ta' l-ilma fil-gżira Għawdxija b'7.5 fil-mija**, huwa ftit iżjed mill-produzzjoni, dak ta' 7.4 fil-mija.

*(l-Orizzont, 16-12-04)*

## ❷ *Lm1.5 miljun għal kwalità ta' ilma aħjar f'Għawdex*

Ix-xogħlijiet kollha konnessi mal-proġett tal-kwalità ta' l-ilma li nbena mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'Għawdex se jiswa lill-Gvern Lm1,415,000.

Dan qalu Austin Gatt, il-Ministru għall-Investiment, l-Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informatika, fi tweġiba li ta fil-Parlament għal interpellanza tad-Deputat Laburista Charles Buhagiar.

Fil-fatt, **il-proġett kollu tal-kwalità ta' l-ilma f'Għawdex ġie jiswa lill-Gvern Lm800,000 għas-sistema l-ġdida tal-pajpijiet, Lm415,000 għall-*polishing plant*, Lm50,000 għal Santa Luċija u *Bordin Boosting Station* u Lm150,000 għad-*Distribution Enhancement Centre*.**

Austin Gatt qal li bħalissa l-*polishing plant* qed taħdem b'kapaċità ta' 800 metru kubu kuljum. Meta l-proġett jitlesta, din għandha tilħaq 4,000 metru kubu kuljum. *(In-Nazzjon", 06-12-04)*

## ❸ *Spinta għal aktar impjiegi f'Għawdex*

Il-Gvern ħass li Għawdex mhux biss għandu jgawdi mill-inizjattivi tal-*Budget* mogħtija lill-kumplament tal-pajjiż iżda **għandu bżonn ukoll imbuttatura akbar biex jinħolqu aktar impjiegi fil-gżira** u għalhekk ħa l-miżuri meħtieġa biex dan iseħħ.

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi Tonio Fenech waqt id-djalogu li sar fil-Kwartieri tal-PN f'Għawdex.

Is-Segretarju Parlamentari Tonio Fenech qal li l-gżira Għawdxija għandha potenzjal kbir fil-qasam tat-turiżmu u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li din il-gżira jkollha **aktar faċilitajiet li jattiraw turisti ta' kwalità, bħal *golf course* u *casino*.**

B'referenza għall-problema ta' insularità doppja li tiffaċċja lill-investituri barranin biex jibdew joperaw minn Għawdex, Tonio Fenech spjega kif l-inċentivi li se toffri l-*Malta Enterprise* f'dan ir-rigward se jkunu b'tali mod li f'ċerti setturi jingħataw il-massimu ta' inċentivi f'każ li imprenditur jiddeċiedi li jinvesti f'Għawdex. Anke għal dawk li jaħdmu għal rashom il-Gvern, permezz tal-Pjan Nazzjonali għall-Impjiegi, ħa ħsieb li **jkunu implimentati inċentivi speċifiċi għal Għawdex biss biex ikunu megħjuna l-intrapriżi ż-żgħar**. *("In-Nazzjon", 06-12-04)*

# ĊIKKU *l-Għawdxi*



## *"Qed nixjieħu, Ċikk!"*

Hekk ġie qalli l-editur ftit jiem ilu. Ngħidilkom il-veru, ħasadni. Imbagħad bi tbissima fissirli kif din ir-rivista unika tagħna l-Għawdxin f'Ġunju li ġej tagħlaq 60 sena. Età matura ta' bniedem li twasslu qrib il-pensjoni u lejn il-bank tal-pjazza fejn jista' joqgħod bi kwietu jongħos u joħlom għax-xemx! Imma mhux hekk għar-rivista tagħna, u għalhekk lill-editur weġibtu: **Nixjieħu ma jfissirx nitqaddu jew nikkatmaw**! Anzi, l-esperjenza twila tas-snin tagħmlilna l-kuraġġ biex inkomplu nixxettlu, nissaħħu u nissieltu! Aħna fl-interess ta' Għawdex u l-Għawdxin qegħdin nirsistu, u ma nistgħux norqdu u nitgħażżnu jew inħallu kollox għaddej bla ma nagħtu każ tas-sħab sabiħ jew ikraħ li jkun għaddej minn fuqna... Minn fuq il-bank tal-pjazza tar-raħal nistgħu naraw u nisimgħu aħjar x'ikun qed jiġri, u jekk ngħajtu għajta ta' protesta jew nokorbu karba ta' wġiegħ il-qalb għal Għawdex tagħna, leħinna jidwi u jinstema' aktar! **Awguri, mela , lill-"Ħajja f'Għawdex" li ta' sittin sena mhix biss rivista għall-qassisin u l-erwieħ twajba ta' fommhom magħluq, imma wkoll il-leħen dejjem aktar żagħżugħ u qawwi ta' l-Għawdxin kollha, speċjalment għal dawk li jkunu fid-deffa**! Anke jekk il-kritika tagħna mhux dejjem togħġob lil min ikun riħ-in-poppa, bil-paneġierki biss ma naqdfux 'l quddiem! **Għawdex jistħoqqlu aħjar!** U Ċikku l-Għawdxi mhux leħen ta' wieħed qed jongħos fuq il-bank tal-pjazza biex jaqla' l-prosit minn dawk ta' ħobżhom maħbuż u żejthom fil-kus... L-ilma qiegħed jekk iċċaqalqu jagħmel ir-riħa, u jkun hemm min jiddardar ixommu biss; imma ħadd ma jmur jixrob minnu! Leħen l-Għawdxin għandu jkun bħal ilma ġieri u nadif li jagħti s-saħħa lil min hu dgħajjef, mhux biex jonfoħ żaqq min hu paxxut. Mela għalina, Ċikk!

## *Ftit mistoqsijiet fuq il-"Budget"*

Kienu ħafna l-kummenti pożittivi jew negattivi li saru bil-fomm jew bil-kitba dwar is-sehem ta' Għawdex fl-**Estimi Ġenerali għas-Sena 2005**. Min ftaħar u min maqdar. Min ra l-abjad biss u min ra l-iswed biss. Min qal li hu "progress" u min qal li hu "staġnar" jew ukoll "rigress". Ma nixtieqx nidħol f'argumenti politiċi jew polemikużi, imma l-verità SĦIĦA la tagħti raġun sħiħ lil naħa u l-anqas lil oħra. U għalhekk il-kummenti tiegħi niġborhom fi ftit mistoqsijiet bla tweġiba, u nħalli l-qarrejja tiegħi jiżnu u jiġġudikaw huma skond l-intelliġenza tagħhom.

1. In-"Nefqa rekord għal Għawdex" ta' **aktar minn Lm26 miljun** (ara *"In-Nazzjon"*, 10-12-04, p.9) mnejn se toħroġ? Mill-Unjoni Ewropea jew mill-Kaxxa ta' Malta? (ara *"l-Orizzont"*. CNI, 08-12-04).
2. Għaliex il-**biedja f'Għawdex** ma tissemma' qatt fil-*Budget*? Għaliex għat-tiġdid ta' żewġ toroq arterjali hemm ivvutati 7 miljun Euro (ara *"In-Nazzjon"* 10-12-04, p.9) waqt li għall-iżvilupp ta' tant **raba mitluq** u **bdiewa diżappuntati** l-ebda sold? (ara *"l-Orizzont"*, 16-12-04, p.9).
3. Kif inhi din li "Lm1.35 miljun se jmorru għall-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku li għandha l-*Gozo Channel* u Lm2.8 miljun għall-vapuri l-ġodda" (ara *"In-Nazzjon"*, 10-12-04, p.9), waqt li "jgħola n-noll tal-vapuri bi 8.3 fil-mija minn Jannar" (ara *"l-Orizzont"*, 10-12-04, p.7)? Min hu verament **il-benefattur tal-*"Gozo Channel"***, il-gvern, il-poplu jew it-tnejn?
4. Għaliex għall-estensjoni taċ-Ċentru ta' Artiġjanat ingħatat "attenzjoni **speċjali** lis-settur tas-snajja lokali" b'somma ta' madwar Lm250,000, meta għall-proġett ta' turisti u għaddasa (*master plan for scuba diving*) is-somma vvutata hija d-doppju (Lm500,000)... (ara *"In-Nazzjon"*, 10-12-04, p.9). X'inhu l-aħjar, tmur tgħodos jew tħaddem sengħa?!
5. Jekk il-Gvern "hu kommess li fi żmien qasir ikun hemm servizz ġdid bl-ajru bejn Malta u Għawdex", kif u għaliex m'hemm xejn speċifikat dwar dan fl-istess *Budget*? **Mnejn se jiġu l-fondi** biex jibda "malajr" dan is-servizz: mill-privat, mill-Gvern, jew b'sussidju mill-Unjoni Ewropea? Jekk l-U.E. riedet twaqqaf il-ħelikopter għax ma kienx skond l-"*standards*" tagħha, x'għajnuna se toffri għas-"servizz ġdid"? (ara *"l-Orizzont"*, CNI, 08-12-04).
6. Għat-tisfija tad-drenaġġ: proġett ta' Lm3 miljun. Għar-restawrar tal-Ġgantija: Lm 100,000. Għall-biċċerija ġdida: hemm il-Protokoll Taljan, eċċ, eċċ. **Tajjeb**! U għal 630 ħaddiema jirreġistraw għax-xogħol x'hemm?... "**Skemi ġodda biex ikun attirat investiment ġdid**" (*In-Nazzjon*", 10-12-04, p.9). Aħjar nieqaf hawn!!

# Ritratt... b'mistoqsija!



**Kemm se ndumu naraw tankijiet imsaddin iżejnu l-għelieqi u l-irziezet tagħna, li anke jidhru sew minn toroq prinċipali?!**

## *Teftif, Ftietaq u Teħlil...*

- Qabel xejn, jekk ma tafx x'ifissru dawn it-tliet kelmiet mur fittixhom f'dizzjunarju tajjeb tal-Malti jew f'xi teżawru ta' Malti mħaddem! Inkella kompli aqra u forsi taqbad art bis-sens komun, li għall-grazzja t'Alla mhux skars fi gżiritna... Mhux hekk?!

- Veru jew mhux veru li fil-Ministeru għal Għawdex, skond il-Ministru Dolores Cristina, "**ma tinżammx statistika** dwar kemm nies ġew "*boarded out*" għal raġunijiet fiżiċi u psikoloġiċi, kemm minn dawn kienu nisa u kemm irġiel, u x'inhuma l-etajiet tagħhom", għal dawn l-aħħar ħames snin? (ara "*l-Orizzont*", 02-12-04, p.9).

- Prosit lill-kumpanija *Magro Brothers* ta' Għawdex li qed tippjana biex tkompli żżid l-investiment tagħha fl-esportazzjoni tad-tadam lejn swieq barranin, billi żżid ix-xiri tad-tadam għall-ipproċessar m'għand il-bdiewa tagħna, xi 400 wieħed (ara "*Il-Mument*", 05-12-04, p.35). Aħbar bħal din ittaffi **l-istonatura ta' importazzjoni ta' tadam** miċ-Ċina jew minn Sqallija għall-ipproċessar tal-kunserva...

- Tal-"*Gozo Channel*" ġmielhom **jafu jifdu d-dejn** li qalu li għandhom, mhux biss biż-żieda ta' kull sena fin-noll tal-passiġġieri u bis-sussidju qawwi ta' Lm1.35 miljun + Lm2.8 miljun mill-Gvern fl-aħħar *Budget*, imma wkoll bil-bejgħ tal-vapuri l-qodma, fosthom l-aħħar wieħed l-*M.V. Calypso* (ara "*In-Nazzjon*", 07-12-04, p.3). Dan kollu barra li qegħdin jiffrankaw mill-pagi ta' 30 ħaddiem Għawdxi li ġew mogħtija s-sensja mill-"cafetteria" dan l-aħħar!

- Veru li wara li għalqet il-fabbrika tal-M.D.P. (Tal-Ħalib) f'Għawdex, issa **se tagħlaq ukoll il-fabbrika tal-"*Merit*"** fil-qasam industrijali tax-Xewkija? Fejn se jiġu "assorbiti" dawn il-ħaddiema ssensjati?

- Prosit tassew lill-familjari tal-artist Għawdxi Wistin Camilleri għall-wirja mill-aqwa li għamlu tax-xogħolijiet tiegħu. Imma, ngħid jien, wirja kbira u mportanti bħal din ma kenitx **tintlaħaq aħjar u titgawda minn aktar Għawdxin** kieku saret fi żmien il-Milied fil-"*Gozo Sports Complex*"?!

- Bla ħelikopter **kilniha qares għal darba darbtejn** (sa xħin qed nikteb!), bejn it-13 u l-14 ta' Novembru u nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru. Povri Għawdxin u turisti li kellhom isiefru u nqabdu Għawdex! Min jaf kieku nqabdu hawnhekk xi rjus kbar tal-Kabinett, kienx jiġi għalihom ħelikopter tal-Armata?!

- Kemm għandhom **raġun mija fil-mija** ċerti ristoranti f'Marsalforn dwar dak li gergru minnu fil-"*Gozo Times*" ta' "*The Times*" (13-12-04) minħabba d-dixxiplina meħtieġa fl-użu ta' mwejjed barra? "*The solution is simple*", qal xi ħadd. "*Charge us and let us to put tables outside...*". U mhux hekk!?!

- **U Chambray?** Issa li ġie f'idejn l-Għawdxin, "se jiġġenera l-ekonomija Għawdxija... se jiswa mitqlu deheb..." (ara "*In-Nazzjon*", 18-12-04, p. 8u 9) jew "Każ ta' stupru istituzzjonalizzat" (ara "*l-Orizzont*", 22-12-04, p.1)? **Iż-żmien jagħtina parir!**

- Nagħlaq b'kumment ta' bidwi Għawdxi dwar l-għoli tal-pitrolju: "Tajba din! Huma jduru mad-dinja minn fuq dahrna bil-"*jumbo jet*", u aħna ma nistgħux immorru sal-għalqa b'biċċa moħriet!". **Ċikk, għax ma tarmax bi ħmara u karettun?!...**

L-INTERVISTA

# QAMĦ ĦAJ FL-GĦALQA TAL-MULEJ

**Dun Eddie Zammit jintervista lil Mary Anne Galea mix-Xagħra, Spigolatriċi b'esperjenza ta'12-il sena ta' ħidma missjunarja fl-Indja.**



***Inti membru ta' l-Istitut Sekulari "Spigolatrici della Chiesa". X'inhuma l-Istituti Sekulari? Kif beda l-Istitut tagħkom?***



Il-ħajja kkonsagrata dejjem kellha post importanti fil-ħajja tal-knisja. Għal sekli sħaħ il-ħajja kkonsagrata kienet tfisser s-saċerdozju u r-reliġjużi ta' ħajja attiva jew dik kontemplattiva.

Fl-aħħar seklu, iżda, il-Knisja approvat forma ġdida ta' Konsagrazzjoni: l-Istituti Sekulari. Il-membri ta' l-Istituti Sekulari huma tfajliet u ġuvintur li huma kkonsagrati lil Alla permezz tat-tlett voti tal-Kastità, Faqar u Ubbidjenza fil-waqt li jibqgħu jżommu l-ħajja sekulari tagħhom. Hija ħajja ta' impenn nisrani kbir, fil-Knisja u fid-dinja. Hija ħajja ta' konsagrazzjoni fid-dinja. Din hi l-vokazzjoni tal-membri ta' l-Istituti Sekulari jew kif nistgħu nsejħulhom ukoll, ta' lajċi kkonsagrati.

L-iSpigolatriċi huma wieħed minn dawn l-Istituti Sekulari li jinsabu Malta. Dan l-Istitut kien imwaqqaf minn Pia Tavernelli ġewwa Lippiano, post ċkejken fl-Umbria, l-Italja. In-nies t'hemm kienu bierda u ndifferenti fir-reliġjon u hi xtaqet tressaqhom iktar lejn is-sagramenti. Huma bdew igħinuha fil-bini tal-knisja tal-post li kienet nofsha mwaqqa'. Iżda dan, għal Pia Tavernelli, ma kienx biżżejjed. Hija riedet tagħti 'l Alla "ġebel ħaj li jinbnew f'dar spiritwali"(1Pt. 2,4). Hija xtaqet li tingħata kollha kemm hi lil Alla, iżda fl-istess ħin, tibqa' tgħix fost dawn in-nies biex tqarribhom lejH. Hija tkellmet fuq dan il-



ħsieb mad-direttur spiritwali tagħha iżda kellhom igħaddu ħafna snin u hi kellha tgħaddi minn ħafna provi qabel ma l-proġett t'Alla seta' jseħħ. Sadanittant ingħaqdu magħha xi xebbiet oħra. Fl-1949 kellhom l-ewwel approvazzjoni mill-Knisja bħala '*Pia Unione*' u fl-1967 ġie erett għal Istitut Sekulari ta' dritt djoċesan bil-ħidma u t-tħabrik ta' l-Isqof Pietro Fiordelli li dak iż-żmien kien Isqof ta' Prato, u li miet fit-23 ta'Diċembru li għadda (2004).





## *X'inhi l-karetteristika ta' dawn l-Istituti Sekulari?*



Il-ħsieb tal-fundaturi ta' dawn l-Istituti Sekulari hu li l-membri tagħhom ma jinqatgħux mid-dinja, iżda jibqgħu fiha, biex ikunu xhieda ta' Kristu kull fejn ikunu. Huma fid-dinja, għad-dinja iżda mhux tad-dinja. L-iskop tal-membri hu li jkunu preżenti fl-ambjenti kollha tas-socjetà, l-aktar fid-dinja tax-xogħol.

Il-membri jaħdmu fis-skiet u jqabblu l-ħidma tagħhom mal-ħmira li fil-moħbi u fis-skiet ittella' l-għaġna kollha. Huma msejħa biex "ibiddlu d-dinja minn ġewwa". (Ġwanni Pawlu II, 1980). Il-messaġġ li jwasslulna dawn il-membri hu li anke fid-dinja tal-lum wieħed jista' jgħix il-ħajja nisranija fil-milja tagħha. Il-membri ta' l-Istituti Sekulari jfakkruna li f'dinja ta' materjaliżmu u konsumiżmu l-bniedem għandu valuri ogħla - dawk tal-Vanġelu. Il-membri jgħidulna li ma jixtiqux jieħdu sehem fit-tiġrija sfrenata li għaddejja fid-dinja bħalissa: tiġrija għall-flus, għall-poter u għall-pjaċiri. Dan igħiduhulna mhux bil-kliem iżda bl-istil ta' ħajja li huma jgħixu.

## *Minn fejn ġej l-isem "Spigolatrici della Chiesa"?*



Il-kelma Spigolatrici ġejja mill-kelma taljana '*spiga*' li tfisser żbula. Pia ħadet dan l-isem mill-ktieb Bibliku ta' Rut. F'dan il-ktieb insibu li Rut kienet toħroġ fil-għalqa biex tiġbor iż-żbul li jaqa' minn idejn il-ħassada, ħalli bihom tkun tista' tgħix hi flimkien ma' omm żewġha. Hekk l- iSpigolatriċi, hi msejħa biex toħroġ fil-għalqa tal- Mulej, fid-dinja, ħalli hemm twassal l-imħabba t'Alla lil dawk il-persuni li huma l-aktar fil-bżonn tal-grazzja u tal-imħabba. Fl-iSpigolatriċi dawn iridu jaraw u jħossu l-imħabba ta' Alla l-Missier. Hu minn hemm li l-iSpigolatriċi trid tiġbor lil dawk li huma mxennqin għall-imħabba ta' Alla u twassalhom għandu.

## *X'inhi l-kariżma ta' l-Istitut tagħkom?*



Iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni

Qabel xejn irridu ngħidu xi tfisser il-kelma kariżma. Din tista' tintuża jew għall-għan ta' l-Istitut jew għan-natura tiegħu jew għall-Istitut fih innifsu u fl-appostolat li jagħmel. Il-kariżma ta' Istitut hi magħmula mill-mod partikulari ta' kif l-Ispirtu s-Santu hu preżenti u jopra fil-membri ta' l-Istitut, li jibgħathom biex jagħtu servizz partikulari fil-Knisja. Il-kariżma tagħti bixra partikulari lill-Istitut li tagħżilha minn kull Istitut ieħor.

Il-kariżma ta' l-Istitut tagħna hija bbażata fuq ir-riparazzjoni. Din il-kelma ġejja mill-kelma taljana *riparare* li tfisser issewwi xi ħaġa li tkun inkissret, tagħmel tajjeb għal xi ħadd jew tpatti għal xi ħaġa. Kristu hu r-Riparatur waħdieni, mibgħut mill-Missier biex iġedded id-dinja li kienet tħassret bid-dnub. Kristu patta permezz ta' ħajtu u tas-sagrifiċċju ta' mewtu fuq is-salib. Kristu għadu jpatti għall-ħażen tal-bnedmin bil-mewt misterjuża tiegħu li hu jġedded bla waqfien fuq l-altari tagħna fil-quddiesa. Aħna l-iSpigolatriċi nixtiequ nipparteċipaw ma' Kristu fl-opra tiegħu ta' riparazzjoni. Bil-ħajja tagħna kollha kemm hi, iżda b'mod speċjali waqt l- Adorazzjoni Ewkaristika, irridu npattu għan-nuqqas ta' mħabba u ngratitudni li jirċievi Ġesù mill-bnedmin inklużi aħna stess.



L-iSpigolatriċi fil-kappella tagħhom fix-Xagħra.

## *X'ħidma appostolika twettqu?*

L-aqwa appostolat ta' l-iSpigolatriċi hu dak li aħna nwettqu permezz tax-xogħol jew professjoni tagħna. Għandna membri li jaħdmu fl-isptar, fl-iskejjel, fil-*Caritas*, fid-Dar tal-Kleru u postijiet oħra. L-Istitut m'għandux opri tiegħu stess, imma aħna l-membri noffru s-servizz tagħna lill-Knisja lokali. Aħna naħdmu flimkien ma' lajċi oħra mpenjati fl-appostolat. Xi



L-iSpigolatriċi jissortjaw regolarment ir-rivista tagħna lill-abbonati



wħud minna huma membri ta' l-għaqdiet ta' l-appostolat jew għaqdiet ta' volontarjat. Il-membri jippruvaw li f'kollox idaħħlu l-ispirtu evanġeliku sabiex il-Ġisem ta' Kristu jissaħħaħ u jikber. Il-membri jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fil-missjoni evanġelizzattriċi tal-Knisja. Huma jagħmlu dan bix-xhieda ta' ħajja nisranija u b'fedelta' lejn il-konsagrazzjoni tagħhom. Kif tgħid il-Fundatriċi tagħna Pia Tavernelli: "L-appostolat ta' l-iSpigolatriċi jkun żgħir quddiem il-bnedmin, iżda kbir u prezzjuż quddiem Alla, jekk ikun magħmul b'imħabba kbira".

***M'Ann, int kont għamilt xi żmien l-Indja. Tista' tgħidilna kif ġietek din ix-xewqa u x'esperjenza kellek?***

Minn mindu kont għadni ta' eta' żgħira kont nieħu pjaċir nisma lil min jitkellem fuq il-Missjoni u kont anke dejjem infittex li naqra xi rivisti li jirrakkontaw fuq il-missjoni. U din ix-xewqa li xi darba mmur il-missjoni baqgħet dejjem tikber fija. Kont ġa bdejt naħdem bħala *nurse* meta ddeċidejt li nħalli x-xogħol tiegħi biex immur naħdem qalb tant nies oħra aktar fil-bżonn fl-artijiet tal-missjoni ġewwa l-Indja. Kien fis-sena 1984 meta jien tlaqt lejn l-Indja fil-postijiet fejn hemm il-missjunarji Ġiżwiti Maltin u Għawdxin. Domt l-Indja tnax-il sena li nista' ngħid li kienu l-isbaħ żmien ta' ħajti. Għall-ewwel il-ħajja kienet iebsa u diffiċli ħafna, speċjalment meta kont inħossni waħdi, il-bogħod, maqtugħa minn kulħadd u bla komunikazzjoni ta' xejn. Il- faqar u l- miżerja li tant nies jinsabu fih huwa kbir. Wieħed irid jara b'għajnejh u jmiss b'idejh biex forsi jkun jista' jifhem aħjar x'jiġifieri faqar, ġuħ,miżerja u tbatija li tant nies jgħaddu minnhom. Bħala xogħol kont għamilt xi żmien fi sptar tal-lebbrużi peress li din il-marda hija komuni ħafni. Hemm iltqajt ma' nies li huma mwarrba minn kulħadd, anke mill-istess familjari tagħhom. Wara, kont mort fid-djoċesi ta' Dumka fejn kont nieħu ħsieb l- i*School Health Programme* fl-iskejjel tad-djoċesi. Kont immur ukoll fil-villaġġi biex niltaqa' ma' dawk it-tfal li kienu vittma tal-*polio*, fejn wara kont neħodhom ġo *Rehabilitation Centre* għall- kura ġewwa Calcutta. L-aħħar sitt snin qattajthom ġo villaġġ jismu Deopur fejn kont immexxi l-klinika darbtejn fil-ġimgħa, fejn ħafna pazjenti mill-villaġġi tal-qrib kif ukoll tal-bogħod kienu jiġu għall-mediċini. Fil-ġranet l-oħra flimkien ma' tfajla mill-post konna mmorru fil-villaġġi nżuru l-familji u norganizzaw programm ta' tilqim għat-tfal u nżuru lil dawk li kienu morda fi djarhom u li bil-kemm kienu jifilħu jiċċaqalqu.

Din kienet esperjenza verament sabiħa għalija, għax għalkemm it-tbatija u d-diffikultajiet qatt ma naqsu kont inħoss ċertu sodisfazzjon u vera paċi tal-qalb. In-nies kienu jħobbuni ħafna u jien kont inħossni qisni waħda minnhom. F'mumenti fejn kont inħossni bdejt naqta' qalbi kont indur lejn il-Mulej u minnu kienet tiġi kull saħħa, qawwa u għajnuna.



# Mary Meylak (1905-1975)

## *100 sena minn twelidha - 30 sena minn mewtha*

**Għalliema, kittieba, u poetessa Għawdxija. Kitbet poeżiji, novelli, rumanzi u esejs. Minbarra d-diffikultà li kellha bħal kull min kien jikteb bil-Malti, kienet żvantaġġjata wkoll minħabba li kienet mara. Bniedma maqtugħa għaliha waħedha li kienet issib l-hena fis-skiet ta' qalbha. JOE JULIAN FARRUGIA tkellem mal-Kanonku Joe Mejlak, neputi ta' Mary Meylak, għal dan il-profil.**



It-tagħlim ta' l-ilsien Malti fil-bidu tas-seklu l-ieħor kien marbut ma' preġudizzji ta' klassi. In-nuqqas kbir ta' kotba kien ikompli jrewwaħ l-indifferenza li lsienna ma kien jiswa għalxejn u meqjus bħala l-lingwa tal-kċina.

Kull min kien jikteb u jippubblika kitbiet bil-Malti kellu dejjem telgħa wieqfa quddiemu. U fi żmien meta l-mara ma kienetx emanċipata bħalma hi llum, kittieba mara kellha kollox kontriha. Ma kienx komuni li fost il-poeti u kittieba rġiel issib poetessa li riedet taqsam dak li tħoss ma' l-oħrajn. Iżda Mary Meylak dan għamlitu minkejja kollox,

**Mary Meylak twieldet fir-Rabat, Għawdex nhar id-9 ta' Awissu 1905**. Hija kienet l-akbar wild fost tlieta ta' Ġorġ u Mananni mwielda Grech. Il-familja Meylak kienet toqgħod f'dar fi Triq San Ġużepp li llum tagħmel parti mill-Pjazza San Ġorġ fl-istess Belt Għawdxija.

Mary kienet ħadet l-edukazzjoni tagħha l-ewwel fil-*Victoria Elementary School* u aktar tard fis-*Central School*, skola sekondarja biex fiha jitrawmu għalliema għall-iskola primarja.

Hija baqgħet tistudja sakemm ta' għoxrin sena bdiet tgħallem fil-Primarja. Wara xi tlettax-il sena, bdiet tgħallem il-Malti fis-*Central School*. Hija kienet fost l-ewwel għalliema ta' lsienna f'Għawdex u baqgħet tgħallem hemm sa ma rtirat. Hija kienet attiva ħafna bħala għalliema u dejjem ħadet interess fl-ilsien Malti.

Meta kellha 25 sena bdiet il-karriera tagħha tal-kitba bl-ewwel poeżija jisimha *Faxx Nemel* u li biha daħlet għall-konkors letterarju mniedi mill-Pronostku Malti. Hija ġiet minn ta' quddiem u ħadet sehem f'aktar konkorsi b'kitbiet bħal *Dubbiena, Il-Ħares, Ġiżimin* u *Il-għanja tas-Sigħat*.

Hija kienet tispira lilha nnifisha anke mill-iċken ħwejjeġ. Flixkun mitluq, xi bott, ġidra, furfiċetta jew anke xi ġolġol kienu jqanqlu fiha ħsieb fertili li mħallat mas-sengħa ta' kif kienet tħaddem il-kelma, kienu jirriżultaw f'kitbiet imlewna u msaħħra.

Ġużè Aquilina kien kiteb dawn il-kelmiet dwar Mary Meylak: "Hija xitla Għawdxija li tgħum f'baħar ta' immaġinazzjoni mitluqa bħal dgħajsa fuq il-mewġ kotran daqs il-ħaxix li jikber fuq il-

blat u li mill-ward li jagħmel, wieħed jista' jwarrab u jagħżel dak li jogħġbu, imma jwarrab kemm iwarrab, dejjem jibqa' ward biżżejjed biex jista' jgħaqqad bukkett minnu."

Matul il-karriera tagħha, Mary kellha antoloġiji ta' poeżija fosthom *Pleġġ il-Ħena, Dawra Misterjuża, Villa Meylak, Album* u *Għana tat-Tfal*. Kellha anke ktieb ta' poeżiji bil-lingwa Ingliża li kien jismu *Songs You Will Like*.

Bħala proża Mary kienet ħarġet żewġ kotba ta' esejs *Nirraġunaw u Nitbissmu* filwaqt li kellha wkoll ġabra ta' novelli bl-isem ta' *Stejjer ta' Daw' il-Gżejjer* u rumanz *Nokkla Sewda*. Dan l-aħħar rumanz kien deher ukoll f'faxxikli f'*Il-Berqa* kif dehru wkoll żewġ rumanzi oħrajn *San Nikola tal-Venturi* u *It-Tewmin tal-Birgu*.

Dawn minbarra ħafna kitbiet li dehru f'rivisti u gazzetti bħal *Leħen il-Malti, Il-Pronostku Malti, Leħen is-Sewwa* u *Il-Malti*. B'xorti ħażina ħafna kitbiet ta' Meylak spiċċaw fix-xejn minħabba li kienet tafda wisq u tibgħat ix-xogħol oriġinali tagħha għall-istampa bla ma żżomm kopja. Ġieli ma kienux ixandrulha kitbietha mill-ewwel bir-riżultat li jintilfu.

Hija kienet tikteb ukoll kitbiet biex jiġu mmużikati. Kellha operetta jisimha *Leone u Stella* kif ukoll żewġ opri f'ħames atti-il waħda. Waħda jisimha *Il-Miġja ta' San Pawl* u l-oħra *L-1565*, Mary Meylak kienet tħammem wisq fuq meta ssib xi kelma Maltija fit talb li tkun tħoss li mhix postha hemm.

Hija kienet tisħaq fuq il-perfezzjoni fil-kelma Maltija. U minħabba f'hekk mhux l-ewwel darba li kitbet personalment lill-Qdusija Tiegħu l-Papa dwar dan.

Bħala passatempi Mary ftit li xejn kellha. Il-ġurnata tagħha kienet mid-dar għall-iskola, għall-knisja, u lura d-dar. U l-hena tagħha kienet tkun meta tintasab waħedha u toqgħod tikteb.

Bħala karattru, Mary kienet bniedma ta' għaliha waħedha. Sa mill-jiem fl-iskola ma tantx kienet tħobb titħallat ma' sħabha iżda kienet ta' żaqqha f'fommha. Ma kienetx bniedma li tħobb tiżżejjen u xejn ma kienet tagħmel biex tidher. Ritratti ftit li xejn kienet tħobb li jeħdulha. Kienet bniedma kwieta, paċenzjuża iżda tħobb tiċċajta wkoll. Fuq kollox kienet bniedma ta' karità. Fil-fatt minħabba li f'dak iż-żmien kien hawn nuqqas kbir ta' djar wara l-gwerra, hija xtaqet li tagħmel xi ħaġa biex mill-ftit tagħha ttaffi l-problema. Kienet bniet żewġ blokki ta' appartamenti fi Triq Pompei u Triq il-Kappillan Hili fir-Rabat Għawdex u kriethom lil koppji b'kera tassew baxxa.

## Ritratt ta' Mary Meylak

***(Monument Mary Meylak)***

***Missieri t-tieni, imqaxxra, nixbħu ħafna,***
***jien donni ġejt nagħmillu bħal tifkira***
***inħoss bla tarf u nidħol f'ruħ il-ħaġa***
***moħħ għoli, xufftejn sbieħ u ftit qasira.***

***Fil-lixx, mill-eħfef, m'għandix moħħ niżżejjen,***
***jew nilgħab ma' persunti jew mal-libsa,***
***imħassba w aljenata, noħlom wieqfa,***
***sikwit bi premju nieħu wkoll xi rifsa.***

***Ma rridx irbit u xkiel u sikkaturi,***
***mal-lapes u mal-karta nħobb ninkera,***
***u ngħaddi għal kuljum għax Mary Meylak***
***la tgħid li hi sabiħa w lanqas kerha.***

***Ma rrid naf b'xejn, minn xejn ma jimpurtani,***
***l-għors tiegħi x'ħin fis-skiet waħdi nitħalla,***
***inħossni ħbieb ma' kollox, inħobb kollox,***
***nitgħaxxaq b'kull ma taf tagħmel l-id t'Alla.***

***Inħobb iċ-ċajt, narah kollox jidħakli,***
***u se ngħidilkom ħaġa ma smajtuha qatt:***
***Waqt li nkun nidħak, nibki, u viċiversa.***
***Biżżejjed!... U xtaqt nieħu b'id kulħadd!***

Imma l aqwa deskrizzjoni ta' min kienet Mary Meylak tagħtiha hi stess fis-sunett tagħha bl-isem ta' *Monument Mary Meylak* li jidher hawn fuq.

Hija kienet reliġjuża ħafna u fejn jidħol Alla ma kien joqgħod ħadd. Mhux l-ewwel darba li kienet tkun miexja f'xi triq titlob u lanqas lin-neputijiet ma kienet tkellem biex żgur li ħadd ma jtellifha. Darba kienet ħierġa mill-knisja ta' San Ġakbu li hemm fit-Tokk. Fil-pront iltaqgħet mad-Direttur ta' l-Edukazzjoni J.P. Vassallo, li allura kien jiġi l-Prinċipal tagħha. Huwa sellmilha iżda hi baqgħet għaddejja miexja u titlob. Id-Direttur tfantas mhux ftit. Iżda wara kienet sabitu u qaltlu li dak il-ħin kienet qegħda titkellem mad-Direttur tad-Diretturi!

L-aħħar poeżiji li baqgħu mhux ippubblikati jinsabu f'manuskritt li jismu *Kalyemyram* – kelma li hija isem il-poetessa bil-maqlub.

**Mary Meylak mietet nhar l-1 ta' Jannar 1975 fl-età ta' 69 sena**. Fir-Rabat Għawdex, fejn twieldet, għexet u mietet, issemmiet triq għaliha biex il-ħajja, t-tagħlim u l-kitbiet tagħha jibqgħu miftakra mill-Maltin u Għawdxin li jħobbu lsien art twelidna. Jixraq li din is-sena jitwaqqfilha monument.




### *Premju lill-Papa mix-Xjentisti tad-Dinja*

Fis-7 ta' Diċembru li għadda, il-Papa rċieva l-premju *Ettore Majorana - Scienza per la Pace* mogħti wara l-votazzjoni minn ħafna xjenzjati mid-dinja kollha. Fiċ-ċerimonja ta' l-għoti tar-rikonoxximent prestiġjuż fil-Vatikan, kienu preżenti membri tal-*World Federation of Scientists*. Fil-kors tal-laqgħa, il-Papa ħabbar li huwa ddestina s-somma ta' flus tal-premju għall-formazzjoni ta' boroż ta' studju għal studenti fil-bżonn ġejjin mit-Tielet Dinja. Huwa ngħata dan il-premju fost l-oħrajn għax poġġa s-sisien ta' alleanza kbira u tant bżonnjuża fil-bidu ta' dan it-tielet millennju, bejn ix-xjenza u l-fidi.

### *Il-qdusija m'hijiex privileġġ ta' ftit eluf*

Fl-4 ta' Diċembru li għadda sar jum ta' studju fuq l-aħħar edizzjoni tal-Martiroloġju Ruman, il-ktieb liturġiku tal-qaddisin, organizzat mill-Kong. għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti. Il-Martiroloġju jiġbor l-ismijiet tal-Qaddisin u Beati (6,538) rikonoxxuti uffiċjalment mill-Knisja Kattolika. Għal kull ġurnata tas-sena, il-volum jagħti l-lista ta' Qaddisin u Beati mfakkra f'dik id-data. L-edizzjoni l-ġdida ġiet ippreżentata fit-2 ta' Ottubru 2001. Tul il-kungress ġie mgħarraf li l-Papa preżenti ipproklama 1,345 Beati u 483 Qaddisin - hekk hu l-Papa l-aktar prolifiku fl-istorja tal-Knisja. Lil min ikkritika li dan hu numru kbir wisq, il-Kardinal Portugiż Saraiva Martins wieġeb bl-istess kliem tal-Papa: "Hi ħtija ta' l-Ispirtu s-Santu?!" Jalla kulħadd isir qaddis!

### *Sussidji għall-operaturi tal-pastorali*

*Site* interessanti ħafna dwar l-Ewkaristija, li minnha s-saċerdoti u l-katekisti jistgħu jiksbu materjal tassew utli għal din is-Sena ta' l-Ewkaristija, hija *www.adoremus.org/index.html.* Bqajt impressjonat bil-profondità u l-prattiċità tat-tliet omeliji dwar l-Ewkaristija li għamel s'issa l-predikatur tal-Papa, il-kapuċċin Raniero Cantalamessa, fl-Avvent. Huma bbażati fuq l-ewwel tliet strofi ta' l-innu *Adoro te devote*. Il-priedki li se jagħmel fir-Randan li ġej se jkunu msejsa fuq l-istrofi li jifdal ta' l-istess innu.

### *Interess tal-Lajċi Kattoliċi fil-Liġi tal-Knisja*

Peter Vere, awtur ta' *Surprised by Canon Law: 150 Questions Catholics Ask About Canon Law (Servant Books)*, flimkien mal-kanonista Michael Trueman, qal f'intervista li l-kattoliċi javviċinaw it-tribunali tal-Knisja għal każijiet ta' żwieġ, u f'dawn l-aħħar snin, għal każijiet ta' abbużi. Barra minn hekk, l-iskandlu gravi mill-politiċi kattoliċi favur l-abort qajjem f'ħafna lajċi interess fl-importanza tal-liġi kanonika. Vere qal ukoll li d-drittu kanoniku jmiss kull aspett tal-fidi kattolika. Jaffettwa t-tagħlim u t-tmexxija tal-Knisja u l-funzjoni ta' tqaddis afdata lilha - hawn jidħlu s-sagramenti. "Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-kattoliċi jkollhom x'jaqsmu mad-drittu kanoniku bla ma qatt jidħlu f'kuntatt mat-tribunali ekkleżjastiċi", issokta jgħid.

### *Għajnuniet oħra għall-pastorali bil-"media" parrokkjali*

Dawk il-qarrejja li huma nvoluti fil-produzzjoni ta' materjal reliġjuż stampat, bħal ngħidu aħna l-bullettin jew *newsletters*, jafu kemm hu diffiċli xi drabi li ssib ċerti immaġni li jagħmlu l-preżentazzjoni aktar attraenti. Għal dan l-iskop, jistgħu jsibu dawn is-*sites* tassew utli: *www.qumran2.net, www.santibeati.it u www.sijcomputers.com/ cruzblanca/hermanoleon.*

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

**VERSI RIFLESSIVI**

# Lix-Xatt t'Għawdex

*Bajja ċkejkna wennisija*
*għal ġox-xlokk tal-gżira Għawdxija,*
*inti bħala port ewlieni*
*ġejt maħtura sa minn kmieni.*

*Ġejt magħżula min-nanniet*
*għal bosta raġunijiet.*
*Qrib bi qlugħ jew moqdief tmur*
*'k jiftillek 'l oħtok iżżur.*

*F'naħa waħda biż-Żewwieqa*
*taħt sies għoli b'wied bħal tieqa.*
*Fuq l-oħra ġebel l-irdum*
*mitfugħ qisu minn Sansun.*

*Chambray għandek fuq ir-riħ.*
*Kenn u wens, l-għan ta' min bnieh.*
*Minn ta' Lourdes li hemm fil-qrib*
*Tgħassek Ommna mit-tiġrib.*

*Mat-tletinijiet rajt moll,*
*mnejn bil-kwiet stajt taqta' n-noll.*
*Għoġbithom lin-nies di' l-biċċa*
*għax magħha l-mewġ jisgiċċa.*

*Ġo fik: ħolqa, nitfa baħar,*
*jitgeddsu dgħajjes bħan-naħal.*
*"Tal-Pass", kbar, mgħobbija ġwies,*
*tas-sajd: xbieki, knuz bil-qies.*

*Kemm sajjieda, kif baħrin,*
*lejk kuljum bil-pass neżlin;*
*u kulmin lejn Malta jmur*
*minn hawn jirkeb il-vapur.*

*Tgeżwirt f'ħajja għaġġilija*
*b'nies u nġenji ġeġwiġija,*
*biex hekk sar u nħass il-bżonn*
*li jibdlulek bixra u ton.*

*Par idejn fasslu w għamlulek,*
*u lil dawn b'muskli saħħulek:*
*siment, xibka, ġebel kbir,*
*xogħ'l bil-ħeffa, għalkemm tqil.*



*Bl-art u l-baħar bdew iġorru,*
*u madwarek ħajt isawru*
*b'ġebel qawwi minn ġo Ħondoq*
*sabiex għalqu dak il-fondoq.*

*Biex hekk meta x-xogħol tlesta*
*sar diskors, daqsxejn ta' festa;*
*għax tal-għaġeb issa sar*
*ġid fejjiedi ġo l-Imġarr.*

*Hekk sat' issa ġo fik dlonk*
*vapur kbir b'galbu iħott.*
*Rajna Xatt jilqa' fi ħdanu*
*tal-baħar mhux biss xi nanu!*

*Wara żmien il-pontun daħal,*
*qisu ġgant, salib il-baħar,*
*ankrat b'laneċ, jottijiet:*
*kemm għolew l-irmiġġijiet!*

*Jien li rajt dan it-tkabbir,*
*fi ħdanek ilmaħt tkasbir.*
*Lil min jgħum, le għadni nara,*
*pjaċir jieħu, fik jixxala.*

*Hawlija b'ramel ħadrani,*
*Żewwieqa b'baħar kaħlani;*
*illum mejta u minsija*
*fil-jiem twal u sħan sajfija.*

*Nara l-Ħmar, iż-Żiemel, l-Għolja*
*joħolmu bil-vanaglorja,*
*t'għajat, qbiż, qatt m'huma żejda.*
*Ċamar mill-Fergħa w l-Mejda.*

*Ilkoll siekta jnemmsu l-post*
*fejn l-għagħa mhux iktar ta' gost;*
*fejn iċ-Ċama ddawwar lira*
*kif turist jirfsek, ja Gżira!*



**Francis Sultana**

SILTIET MILL-MESSAĠĠ TAL-PAPA GĦAL "JUM IL-PAĊI"

# "Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb..."



Il-ħażen qatt ma jintrebaħ bil-ħażen. Jekk tintgħażel dik it-triq, minflok ma wieħed jirbaħ il-ħażen jintrebaħ mill-ħażen. **Il-Paċi** hija ħaġa tajba li trid tinġab 'l quddiem **bit-Tajjeb**. **Il-Paċi** hija **Ġid kbir**; għall-individwi, għall-familji, għall-ġnus, għall-umanità. Iżda l-**Paċi** trid tiġi mħarsa u sostnuta b'deċiżjonijiet u b'għemejjel ispirati mit-tajjeb.

**Kliem San Pawl**:

"*TAĦMLUX IL-ĦAŻEN; ŻOMMU MAT-TAJJEB*" (Rum. 12.9)

"*TRODDU LIL ĦADD DENI B'DENI*" (Rum. 12.17)

L-imħabba għandha tkun lejn kulħadd, saħansitra lejn l-għedewwa;-

"***Jekk l-għadu tiegħek bil-ġugħ, itimgħu. Jekk inhu bil-għatx, isqih.***" (Rum. 12.20)



## Il-Liġi Morali Universali

**Il-qagħda tad-dinja ta' llum**

Il-ħażen jinsab mifrux kullimkien: anarkija, gwerer, inġustizzji, vjolenza.Biex nagħżlu it-tajjeb mill-ħażen il-bnedmin għandhom bżonn urġenti li jħarsu u jgħożżu l-patrimonju komuni ta' valuri morali mogħti minn Alla nnifsu.Il-Papa jgħid:

*"Għaxar snin ilu f'indirizz li għamilt lill-Ġnus Magħquda, jien semmejt il-ħtieġa ta' "GRAMMATKA TAL-LIĠI MORALI UNIVERSALI".*

Din il-**Liġi Morali Universali**

♦ tispira valuri u prinċipji komuni,

♦ tgħaqqad lill-bnedmin ma xulxin, minkejja l-kulturi differenti tagħhom,

♦ ma tinbidilx, minkejja it-tibdil fl-ideat u fid-drawwiet.

♦ Din il-liġi, ma tistax tinqered u lanqas titneħħa mill-qalb tal-bniedem".

**Din il-Liġi Universali timpenja lil kulħadd sabiex tiġi rispettata l-ħajja tal-individwi u tal-popli.**

## IL-ĠID KOMUNI

Biex nġibu 'l quddiem il-paċi hemm bżonn li nirriflettu x'inhu l-Ġid Komuni.

Meta aħna nġibu 'l quddiem il-ġid komuni, nkunu qed nġibu 'l quddiem il-paċi.

Il-bniedem hu minnu nnifsu soċjali, jgħix "ma" ħaddieħor u "għal" ħaddieħor.

Kull bniedem b'xi mod hu msejjaħ biex jaħdem għall-ġid komuni. Għandu jfittex li jaħdem għall-ġid ta' oħrajn bħallikieku qed jaħdem għall-ġid tiegħu stess.

Il-ġid komuni jitlob:

♦ Li nirrispettaw il-persuna u d-drittijiet fundamentali tagħha,

♦ Kif ukoll li nġibu 'l quddiem id-drittijiet tan-nazzjonijiet.

## LE GĦALL-VJOLENZA

Biex tinkiseb il-paċi kulħadd għandu jifhem illi:

Il-vjolenza mhix aċċettabbli.

Il-vjolenza hija ħażina.

Il-vjolenza ma ssolvix il-problemi.

Il-vjolenza hija "gidba" għax tmur kontra l-verità tal-umanità tagħna.

Il-vjolenza teqred dak li mingħaliha ser tiddefendi. Teqred id-dinjità, il-ħajja u l-libertà tal-bnedmin.

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**



*Il-Paċi u l-użu tal-ġid tad-dinja.*

Il-paċi hi marbuta mill-qrib ma l-iżvilupp tal-popli. Għalhekk għandna nagħrfu sew **KIF NUŻAW IL-ĠID TAD-DINJA**.

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni fakkar;- "*Alla ddestina d-dinja u kull ma fiha għall-użu tal-bnedmin u tal-popli sabiex kulħadd jaqsam indaqs mill-ġid tad-dinja.*"

Dan il-prinċipju għandu jixprunana biex niġġieldu kontra l-faqar, speċjalment meta niftakru fil-faqar estrem li fih qed jgħixu miljuni ta' nies, vittmi ta' gwerer.

♦ Għandu jiġu maħfur id-dejn tal-pajjiżi foqra.

♦ Għandha tingħata għajnuna finanzjarja lill-pajjiżi foqra, milqutin minn xi gwaj.

♦ Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kontinent Afrikan, mifni minn konflitti armati, minn mard gravi u minn faqar estrem.

Hemm ħtieġa ta' forom ġodda ta' solidarjetà mal-pajjiżi tal-Afrika kollha.

## *IT-TAMA NISRANIJA QUDDIEM IL-ĦAŻEN TAD-DINJA*

Wiċċ imbwiċċ ma bosta sitwazzjonijiet traġiċi preżenti fid-dinja ta' llum l-Insara għandhom ikunu nies ta' tama.

♦ L-Insara għandhom tama li **ALLA BISS** jista' jgħin lill-bnedmin u lill-popli biex jegħlbu il-ħażen b'għemejjel tajba.

♦ Bil-mewt u bil-qawmien tiegħu, Kristu fdiena u salvana. Bil-għajnuna ta' Kristu, **KULĦADD JISTA' JEGĦLEB IL-ĦAŻEN BIT-TAJJEB**.

♦ L-insara huma konvinti li l-ħażen mhux ser jirbaħ. Għalhekk għandhom jagħmlu kull sforz biex iġibu 'l quddiem l-ġustizzja u l-paċi. U hekk jibnu dinja aħjar.

♦ Għalkemm "*il-misteru tal-ħażen*" (2 Tess 2.7) (jiġifieri ix-xitan) huwa preżenti u attiv fid-dinja aħna ma għandniex ninsew li aħna l-bnedmin, mifdija bid-demm ta' Kristu, nistgħu nirreżistuh u neqfulu. Kull bniedem jista jikkoopera biex it-tajjeb jirbaħ.

♦ Irridu nissieltu kontra l-qawwiet tal-ħażen biex it-tajjeb jirbaħ, dejjem u kullimkien.

**L-ARMI TA' L-IMĦABBA**

**ĦADD MA GĦANDU JIRRINUNZJA** li jissielet biex jirbaħ il-ħażen bit-tajjeb.

Din il-ġlieda kontra l-ħażen irridu niġġilduha **BL-ARMI TAL-IMĦABBA U TAL-MAĦFRA**



**META IT-TAJJEB JIRBAĦ LILL-ĦAŻIN, TIRBAĦ L-IMĦABBA, U META TIRBAĦ L-IMĦABBA, ISSALTAN IL-PAĊI.**

KTIEB X'TAQRA

# IT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA MINN PIJU IX SA ĠWANNI XXIII FI TLIET VOLUMI UNIĊI

**Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex: "It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja", 3 volumi, 2000-2004, Gozo Press, Lm2.50 il-volum, Sett Sħiħ Lm7.**




X'għamlet il-Knisja fl-aħħar mitt sena biex tgħin jintrebħu l-problemi soċjali u politiċi li għaddiet minnhom id-dinja? Kienu mitt sena ta' taqlib politiku u soċjali enormi li ġab miegħu kemm tbatijiet kbar kif ukoll ġid u progress. Nifhmu l-ewwel il-gwerer kbar li filġu l-Ewropa bi gliegel ta' dmugħ u dmija. Imma fl-istess żminijiet id-dinja rat żviluppi kbar fil-qasam tat-teknoloġija u tal-kultura.

Il-Knisja qatt m'għalqet għajnejha quddiem dan kollu, la meta rat il-bnedmin jitqatlu u jibku u lanqas meta rat it-tibdil għat-tajjeb li kellu impatt qawwi fuq il-ħajja ekonomika, morali u soċjali b'mod speċjali fl-Ewropa. Il-papiet, minn Piju IX sa Ġwanni XXIII kitbu fuq li kitbu biex jiġu evitati l-gwerer bit-tbatijiet li jġibu magħhom. Ħafna dokumenti fil-forma ta' Enċikliki u dikjarazzjonijiet pubbliċi juru kemm il-papiet kienu jipprevedu l-ħsarat minn qabel u ċerti kitbiet juruna li kienu qegħdin isiru sforzi enormi minn wara l-kwinti, fis-skiet u bid-diplomazija li għaliha huwa magħruf il-Vatikan, biex iberrdu l-irjus sħan u jitrattbu l-qlub iebsa. Ftit nies kienu jagħtu każ tal-ħidma tal-Knisja f'dawk iż-żmenijiet mudlama ta' suppervja u mibegħda.

Għalhekk fi żmienna, meta d-dinja qed titmexxa permezz ta' politika soċjalizzata biex jiġu evitati u mrażżna konflitti belliċi ma nistgħux ma nirrealizzawx kif ħafna deċiżjonijiet li jittieħdu llum huma mnebbħin mit-tagħlim tal-Papiet tul dawn l-aħħar mitt sena.

L-istess nistgħu ngħidu dwar il-problemi soċjali li nibtu minħabba l-progress ekonomiku u tekniku. Ibda mill-Papa Ljun XIII u kompli sal-Papa preżenti ma kienx hemm Papa li ma kitibx dwar il-ħaddiema u x-xogħol. Ir-*Rerum Novarum* (1891) ġabet rivoluzzjoni sħiħa fil-ħsieb dwar il-qagħda tal-ħaddiema u b'tifkira tat-tagħlim li fiha għandna diversi messaġġi soċjali, enċikliki u messaġġi li ġew mogħtija mill-papiet fis-snin ta' wara Ljuni XIII.

Terġa', dawn is-snin raw il-qawmien u l-waqgħa ta' l-ideoloġija marksista li influwenzat bil-kbir l-andament soċjali tal-popli, kemm dawk li nħakmu minnha u kemm dawk li rawha taħkem madwarhom. Kienet il-gwida għaqlija u qawwija tal-Papiet li ma ħallietx li din l-ideoloġija atea u totalitarja tagħmel iktar ħsara fid-dinja.

Illum, għall-grazzja t'Alla, għandna f'idejna fi tliet volumi, ġabra tat-tagħlim soċjali tal-Knisja mill-Papa Piju IX sa Ġwanni XXIII. L-E.T. Mons. Nikol Cauchi rnexxielu jiġbor b'forma interessantissima dawn il-kitbiet fl-isfond storiku taż-żmenijiet li fihom inkitbu. Insibu f'dawn it-tliet volumi l-evoluzzjoni soċjali li wasslet għad-diversi qasmiet fost il-popli u kif kull papa kellu xi problema partikulari x'jikkumbatti.

Interessanti ħafna nsibu kif il-Papa Piju XII ħadem biex isalva lil-Lhud u biex tiġi evitata l-gwerra. Ma jfissirx li billi ma rnexxilux iwaqqaf lil Hitler, Piju XII ma ħadimx kemm felaħ b'għaqal u ħila.

Għalhekk nirrikmandaw lill-qarrejja tagħna jakkwistaw, jaqraw u jxerrdu dan il-qari kemm għall-formazzjoni personali tagħhom kif ukoll biex tikber il-fiduċja fil-Knisja Kattolika u fil-mexxejja tagħha.

***Dun Anton Dimech***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu



Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -131

# GARDJOLA TAĊ-ĊITTADELLA MĠEDDA

*• Għall-erbatax-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ġibna dokumenti ta' erba' mit sena ilu; mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' tliet mit sena ilu, għax ta' erba' mit sena ilu huma nieqsa. Sejrin inkomplu l-istess. Id-dokumenti huma bħas-snin ta' qabel meħudin mill-Acta ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.*

Id-dokument numru mija u wieħed u tletin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' kont b'rabta ma' xogħlijiet li saru fil-gardjola taċ-Ċittadella. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas Gaudisii, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 21v (NAG, UG, Acta, 9/1704–1705, f. 21v).

Din hi traskrizzjoni tal-kont:

***A mastro Simone Cassar, falegname, per suo travaglio di una giornata e mezzo col suo figliolo in haver fatto un armario nuovo nel luogo di guardia del castello e per chiodi, tarì nove e grani dieci***

***A maestro Rafaele Tabone, ferraro, per una serratura e quattro cappetti fatti per il nuovo armario piantato nel luogo di guardia e per un nuovo granpone per la serratura della ganta del Castello, tarì otto***

***A Vincenzo Portelli, biancheggiatore, per due tumoli di calcina per aver biancheggiato il corpo di guardia del castello e per suo travaglio, tari cinque***

***A Thomaso Gauci, Domenico Grech, Gianne Gauci, e Domenico Grech di GioMaria, bordanari, per haver portato un ceppo di bastardo del scalo del Miggiarro sino a questo Rabbato sopra loro muli per servizio del castello, scudi due, tarì quattro.***

Gardjola hi dik it-turretta bit-twieqi fuq kull riħ mibnija fit-trufijiet tas-swar għall-għassiesa; tixbaħ lill-gallerija tal-ħaġar. It-turretta ġie li kienet tispiċċa f'koppla, dawk taċ-Ċittadella għandhom saqaf ċatt.

Iċ-Ċittadella kellha tliet gardjoli. L-iktar waħda importanti kienet il-gardjola ta' San Mikiel n-naħa ta' nofsinhar tas-swar f'tarf il-bastjun ta' l-istess isem. Kienet bil-għassa bil-gwardjani erbgħa u għoxrin siegħa fuq erbgħa u ghoxrin. Kien hemm ukoll il-gardjola ta' San Ġwann, fuq is-semi-bastjun li ta' l-istess isem, in-naħa ta' lvant; u, fl-aħħarnett kien hemm il-gardjola ta' San Martin, fuq id-demi-bastjun ta' San Martin in-naħa tal-punent. It-tlieta għadhom weqfin; id-dokument ma jsemmix fl-liema gardjola kien sar it-tiġdid.

Xmun Cassar, mastrudaxxa, għamel jum u nofs xogħol ma' ibnu biex għamel armarju. Għal xogħlu u l-imsiemer tħallas disa' irbgħajja u għaxar ħabbiet.

Rafiel Tabone, ħaddied, għamel serratura ġdida u erbgħa ċappetti għall-istess armarju. Għamel ukoll granpun biex taghlaq fih *serratura della ganta*, kelma mill-Isqalli għal xorta ta' serratura b'ganċ. Tħallas tmien irbgħajja.

Ċensu Portelli, bajjad, bajjad il-gardjola u għal dan uża tomnejn ġir. Tal-ġir u tax-xogħol tħallas ħames irbgħajja.

Masu Gauci, Dumink Grech, Ġanni Gauci, u Dumink Grech bin Ġamri, burdnara, ġarrew *bastardo* mill-port ta' l-Imġarr għaċ-Ċittadella bil-bgħula tagħhom. *Bastardo*, tingħad bastard bil-Malti, hu tavlun kbir u oħxon. Dan jista' jkun li ntuża għall-imsemmi armarju li sar fil-gardjola. Tħallsu flimkien żewġ skuti u erba' rbgħajja.

Skut fih tnax-il irbiegħi, u irbiegħi, fih għoxrin ħabba. Skut jiġi ma' Lm0.083, ftit iktar minn tmien ċenteżmi, ma' €0.21. Il-ħlasijiet saru nhar it-23 u l-24 ta' Diċembru, 1704.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (33)



# IT-TRINITÀ QADDISA Misteru Ewlieni

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(Jaqbad mal-aħħar ħarġa)*

## 3. BAŻI BIBLIKA

Il-kelma "Trinità" ma nsibuha mkien fil-Bibbja, iżda fil-Kotba tar-Rabta l-Ġdida u speċjalment fl-Evanġelju hemm riferenzi ċari għal dan il-misteru, peress li huma msemmija kull waħda mit-Tliet Persuni. Għalhekk ngħidu li fil-Kotba tat-Testment il-Ġdid insibu r-rivelazzjoni tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa.

Ġesù ta' Nazareth stqarr li huwa Alla, u aċċetta li l-oħrajn isejħulu "Alla" bħalma ġara fl-istqarrija li għamel l-Appostlu Tumas meta sejjaħlu "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" (*Ġw. 20,24*). Mill-banda l-oħra, Ġesù qal bosta drabi u bla tlaqlieq li huwa "Iben il-Missier", u dan ifisser li huwa distint minnu; għalhekk skond kliem Kristu, f'Alla hemm dwalità, il- Missier u l-Iben. Ma dawn tissemma' wkoll Persuna divina oħra, l-Ispirtu s-Santu, li huwa magħżul kemm mill-Missier kif ukoll mill-Iben. Ġesù jitkellem bosta drabi fuq l-Ispirtu s-Santu, speċjalment fid-diskors tiegħu fl-aħħar ċena (*Ġw.14*) u meta wiegħed il-miġja tiegħu mibgħut minnu (*Atti,1,8*). Dan hu, mela, dak li rrivelalna Kristu dwar it-Trinità l-iktar qaddisa: tliet persuni realment distinti minn xulxin, li huma Alla wieħed u uniku.

L-Ewwel Persuna tat-Trinità tissejjaħ "Missier" għaliex hu nissel sa mill-eternità l-Iben, li hu Alla bħalu. It-Tieni Persuna tissejjaħ "l-Iben" għaliex hu mnissel mill-Missier. It-Tielet Persuna tissejjaħ l-"Ispirtu s-Santu" għaliex huwa ġej jew jipproċiedi mill-imħabba reċiproka tal-Missier u ta' l-Iben. Kull waħda minn dawn it-tliet persuni hija Alla, iżda l-istess Alla wieħed, u mhux tlieta.

Ir-Rivelazzjoni tar-Rabta l-Ġdida, waqt li tafferma li hemm Alla wieħed biss, tagħraf u tirrikonoxxi wkoll li fih hemm tripliċità, jew kommunjoni tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, magħżulin minn xulxin. Difatti l-Iben li hu mnissel mill-Missier, huwa persuna distinta minnu. L-Ispirtu s-Santu, li ġej mill-Missier u mill-Iben, huwa wkoll persuna magħżula minnhom. Madanakollu, it-tliet persuni huma ugwali għal xulxin għax għandhom l-istess natura divina, hekk li l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, ma għandhomx jitqiesu, bħala "eoni" jew "setgħat" inqas mill-Missier, iżda huma eterni flimkien miegħu, u għandhom l-istess natura tiegħu.

Nemmnu fil-misteru tat-Trinità, għaliex Kristu stess irrivelah lilna f'diversi okkażjonijiet u għamel dan b'mod espliċitu meta bagħat lill-Appostli biex jgħallmu u jgħammdu l-bniedmin: "Morru, mela, għallmu l-ġnus kolha u għammduhom fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (*Mt.28,19*).

Kristu tkellem dwar il-Missier u għallimna, mhux biss li Alla huwa missier għaliex Ħallieq ta' kollox, imma wkoll li minn dejjem, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, huwa Missier tiegħu b'mod kollu kemm hu speċjali u uniku għalih waħdu; għalhekk Ġesù huwa l-Iben il-waħdieni tiegħu. Dan ifisser li hemm relazzjoni bejn żewġ persuni divini li huma l-Missier u l-Iben (*Mt.11,27*): "Ħadd ma jagħraf l-Iben jekk mhux il-Missier, u ħadd ma jagħraf il-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafulu".

Kristu, li skond it-tagħlim ta' l-Appostli huwa l-Verb, il-Kelma, kien mill-eternità. "Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet għand Alla, u l-Kelma kienet Alla" (*Ġw.1,1*). San Pawl jiddeskrivi lil Ġesù bħala; "ix-xbieha ta' Alla li ma jidherx" (*Kol.1,15*) u fl-ittra lil Lhud, Kristu jissejjaħ; "id-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tas-sustanza tiegħu" (*Lh.1,3*).

Hemm ukoll fit-Testment il-Ġdid ir-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu bħala persuna divina oħra f'relazzjoni mal-Missier u ma' l-Iben, kif jidher mill-kliem ta' Kristu meta ħabbar lill-Appostli li ser jibgħatilhom Paraklitu jew Difensur ieħor (*Ġw.14,17*) meta qal: "Jien nitlob 'l Missieri u jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa magħkom għal dejjem".

Barra mill-formula Trinitarja espliċita, li nsibu fil-kliem li qal Kristu qabel ma tela' s-Sema (*Mt.28,19*), fil-Kotba tat-Testment il-Ġdid insibu wkoll xhieda oħra impliċita, bħalma huma s-siltiet li ġejjin, u li nistgħu neħduhom ukoll bħala bażi biblika tal-misteru Trinitarju:

(1) **It-Tħabbira tal-Anġlu**; (*Lq.1,35*): L-Anġlu Gabriel għarraf lil Marija li hija sabet grazzja quddiem Alla u li kellha ssir Omm Ibnu: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek u għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla". F'dan it-test insibu riferenza għal kull waħda mit-Tliet Persuni: il-Missier, huwa mfisser bil-kelmiet "il-qawwa ta' l-Għoli", l-Iben huwa dak li jitwieled minn Marija, "Dak li jitwieled minnek, ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla", L-Ispirtu s-Santu, li b'opra tiegħu titwettaq l-inkarnazzjoni ta' Kristu: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek".

(2) **Il-Magħmudija ta' Kristu**; (*Mt.3,16-17*). Waqt li Kristru ġie mgħammed, instema' leħen il-Missier u l-Ispirtu s-Santu deher taħt sura ta' ħamiema; "Ġesù, wara li tgħammed, minnufih tela' mill-ilma; u ara s-smewwiet infetħu u l-Ispirtu ta' Alla niżel qisu ħamiema, u ġie fuqu u mis-smewwiet instema' leħen jgħid, "Dan hu Ibni l-Għażiż, fih sibt l-għaxqa tiegħi". Dak li semma' leħnu huwa l-Missier Alla, Ġesù li tgħammed fl-ilma, huwa l-Iben t'Alla, veru u proprju u għalhekk uniku, waqt li l-Ispirtu s-Santu, bħala persuna distinta mill-Missier u mill-Iben, deher taħt ix-xbieha jew simbolu ta' ħamiema.

(3) **Fl-Aħħar Ċena**; (*Ġw.15,26*). Ġesù fid-diskors tiegħu iwiegħed id-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, u dan bħala Persuna huwa magħżul mill-Missier u mill-Iben, għaliex mibgħut minnhom: "Meta jiġi d-Difensur, li se nibgħatilkom minn għand Missieri, l-Ispirtu tal-Verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija".

(4) **Il-Prietka ta' Pietru**; (*Atti 2,32-33*) li fiha, l-prinċep ta' l-Appostli stqarr, li fl-isem ta' Ġesù, jiġifieri bil-qawwa tiegħu, dawk li kkonvertew kellhom jirċievu l-magħmudija u b'hekk jinħafrulhom dnubiethom. Is-setgħa li biha jinħafru d-dnubiet hija setgħa t'Alla u għalhekk, dawk li f'isimhom jinħafru d-dnubiet u tinkiseb il-grazzja, huma Persuni Divini: "Lil dan Ġesù, Alla qajjmu mill-imwiet u ta' dan aħna lkoll xhieda. Għalhekk, issa li Alla, għollieh fil-leminija tiegħu, huwa rċieva minn għand il-Missier, l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, u sawwbu fuqna, kif qegħdin taraw u tisimgħu" (Atti 2,32-33) u Pietru kompla jgħid lis-semmiegħa: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom, f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom u taqilgħu l-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu" (2,38).

(5) Fil-bidu ta' l-ewwel ittra tiegħu **San Pietru**, waqt li jsellem lill-insara tad-dijaspora, jirriferi għat-Trinità, meta jgħidilhom li huma "magħżulin, minn qabel, skond il-ħsieb ta' Alla l-Missier mqaddsin bl-Ispirtu s-Santu, biex joqgħodu għall-kelma ta' Ġesù Kristu u jkunu mraxxin b'demmu" (*1 Pt.1,2*).



*"It-Trinità" - ikona Griega Biżantina tas-Seklu 16- Anon.*

(6) **San Pawl** jikkonkludi t-tieni ittra tiegħu lill-Korintin b'tislima trinitarja, billi jberikhom f'isem it-Trinità Qaddisa (*2 Kor.13,14*): "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-imħabba t'Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu, jkunu magħkom ilkoll".

(7) Fl-ittra lill-Efesin, **San Pawl** lill-insara jgħidilhom li huma mbierkin minn Alla Missier, mifdijin permezz tad-demm ta' Kristu, immarkati bl-Ispirtu s-Santu: "Imbierek Alla, u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu. Hekk Hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja ...iddestinana minn qabel, li nkunu għalih ulied adottivi, permezz ta' Ġesù Kristu...Kontu ssiġillati bl-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed" (**Efes.1,3-14**).

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tnejn u Tletin Parti )*

(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)

## ID-DEMEL U T-TIDMIL

**Id-demel hu meħtieġ wisq għall-biedja. Ħaġa li jifhimha kulħadd hi li l-uċuħ isiru mill-art, u biex jitrabbew u jikbru, jiġbdu mill-art is-sustanzi li għandhom bżonn. Għalhekk, meta jinġabar xi wiċċ, ikunu tnaqqsu mill-art dawk is-sustanzi kollha li l-ħaxixa ġibdet mill-art sakemm trabbiet. Jekk nibqgħu nieħdu l-uċuħ mill-art mingħajr ma nroddulha dak li nkunu ħadnielha, jiġri li f'qasir żmien l-art ma tibqax tiflaħ tkabbar u twassal l-uċuħ tagħha.**

Fejn hemm l-artijiet suwed f'pajjiżi oħra, bħar-Russja, il-bdiewa jieħdu l-uċuħ tal-qamħ, sena wara l-oħra, għal bosta snin, u qatt ma jaħsbu biex idemmlu għax l-art hija għanja minnha nfisha, u fiha s-sustanzi kollha biex iż-żarà jikber u jagħmel il-qamħ. Dawn l-artijiet suwed huma "siliċej", jiġifieri bi trab magħmul minn frak taż-żnied u tal-granit, u lewnhom ġej mill-kotra kbira ta' terraċċju (fdal imherri ta' weraq qadim ta' żminijiet oħra) li baqa' jinġema' ġo fihom għal bosta mijiet ta' snin sakemm laħaq għoli li jgħaġġeb. F'dawn l-artijiet siliċej it-trab tal-weraq iżomm għal żmien twil wisq mingħajr ma jikkonsma u jinħaraq.

Imma f'artijiet kalkarej, jew artijiet tal-ġir, jiġifieri li fihom il-ġir, bħalma huma l-artijiet ta' Malta u Għawdex, it-trab tal-weraq jikkonsma u jinħaraq malajr, u l-art ma ddumx ma tiftaqar. Dan it-trab tal-weraq, imsejjaħ ukoll terraċċju jew *humus*, mhux biss iżomm l-art ħafifa, biex l-egħruq jirgħaw u jinżlu kemm iridu, u fl-istess waqt jerħu wkoll bl-istess mod is-sustanzi li l-ħaxixa jkollha bżonn għall-għajxien tagħha, imma wkoll iżomm l-art friska u niedja, għax bħal sponża jixrob wisq l-ilma tax-xita u tan-nida, u għandu wkoll is-setgħa li matul is-sajf jiġbed l-irtuba mill-ajru u jitnidda għad li ma tkunx għamlet xita. Għalhekk, f'dawk l-artijiet suwed naraw li l-art iżżomm it-tira wisq aktar minn artijiet oħra, u fihom l-uċuħ jitrabbew u jilħqu sewwa, u m'għandhomx biża' li jinħarqu fit-temp xott.

M'hux hekk fl-artijiet tagħna li huma kalkarej. Fl-artijiet tagħna, imgħobbijin bil-ġir, it-terraċċju, jew trab tal-weraq u tal-ħxejjex, imsejjaħ ukoll *humus*, jikkonsma u jintemm f'qasir żmien. Għalhekk, il-bidwi hemm bżonn li jaħseb li l-art ma jħallihiex nieqsa minn dan it-terraċċju jew *humus* għax mingħajru qajla jkun jista' jieħu wċuħ.

It-terraċċju jew *humus*, magħmul mill-weraq u mill-ħuxlief, fih ukoll il-putassa u xi ftit tal-fosfru u ta' l-ażotu (nitroġenu), li lkoll huma meħtiġin għall-għajxien tax-xitla, u biex isir il-frott u ż-żerriegħa, imma billi r-raba' tagħna minn dawn ma jkunx fih biżżejjed, allura ma jwassalx il-wiċċ. Għalhekk, dan it-terraċċju jkun xieraq li jkollu miegħu ħaġa oħra li fiha ħafna ażotu, fosfru kif ukoll putassa. Din ix-xiħaġa hija l-ħmieġ u l-awrina tal-bhejjem u tat-tjur, u iżjed ma l-bhejjem ikunu kielu ġwież, jiġifieri żrieragħ u tgħam, iżjed id-demel tagħhom ikun fih ażotu, fosfru u putassa.

Dan il-ħmieġ u l-urina, meta jitħalltu mal-fdal tal-ħxejjex u tal-weraq, u jeħmru (jiffermentaw) kif imisshom, isiru demel, li hu l-ħajja u l-għajxien tar-raba' u ta' kull ma jitrabba fl-art tagħna. Għalhekk, sa mill-ibgħad żminijiet il-bdiewa kienu jaħsbu biex jiġbru u jiġimgħu t-taħmil u d-demel ta' l-annimali tagħhom u jitfgħuh fuq il-miżbla biex isibuh fil-qabda meta jkunu jridu jdemmlu u jaħdmu l-art għall-uċuħ tagħhom.

Mhux id-demel kollu xorta waħda, lanqas l-istess demel m'hu tajjeb xorta għall-istess art.

***Id-demel ta' l-imnut.*** Id-demel ta' l-imnut jew tal-knis tat-toroq ma fihx sustanza bħalma fih demel ieħor, u jinħaraq u jintemm malajr. Għalhekk hu orħos minn demel ieħor. Dan id-demel ta' l-imnut ikun fih miegħu l-ħmieġ u taħmil tal-fniek, tat-tiġieġ u ta' annimali oħra żgħar u jiswa l-iżjed għat-trab bajjad, għall-ħerbi u

għall-ħamri mrammel jew muħrar. Għall-ewwel fih qawwa kbira, imma jispiċċa malajr u, għalhekk, trid tagħżaq bih kull sentejn, u xxerred ftit fil-wiċċ kull sena. Min jagħżaq m'għandux jagħżaq fil-fond biex l-egħruq jilħquh malajr. Fuq dan id-demel il-patata titrabba wisq u tagħmel wiċċ sabiħ.

***Id-demel taż-żwiemel, tal-bgħula u tal-ħmir.*** Dan id-demel aktarx ikun imgħobbi bit-tiben u bil-ħuxlief, imma hu sustanzjuż wisq, idum jeħmer u jsaħħan l-art iżjed minn demel ieħor. Għalhekk hu tajjeb wisq għar-raba' tafli u żejti, u għal kull xorta ta' raba' grass.

***Id-demel tal-baqar u tal-biċċerin.*** Id-demel tal-baqar, u l-iżjed id-demel tal-biċċerin jew ta' dawk li jsemmnu l-barrin għall-biċċerija hu sustanzjuż xejn inqas mid-demel taż-żwiemel, iżomm żmien twil fl-art qabel ma jikkonsma u jispiċċa, jeħmer bil-mod, u ma jsaħħanx l-art wisq għax minnu nnifsu demel frisk. Għalhekk ma tantx jista' jagħmel ħsara fejn jingħata xi ftit iżjed milli jmissu. Dan id-demel jaqbel wisq għall-għażiq u għat-tidmil tar-raba' ħamri, u l-iżjed għall-ħamri tqil. Tajjeb ukoll għal kull xorta ta' raba'.

***Id-demel tal-baqra.*** Il-baqra, li tixtarr ħafna u ħafna ikel, wara li tkun ħadet kemm meħtieġ għal kulma battlet minn ġo fiha u żammet għas-simna u għat-trobbija ta' ġisimha, tagħti mhux ftit minn dak li jibqa' li hu biżżejjed biex isemmen id-demel u jiksih.

Ir-rawta tal-baqra hi miksija bi żlieġa li żżommha sħiħa għal żmien twil, iktar minn dik taż-żiemel, u għalhekk il-bidwi tagħna kien jagħżel aktax id-demel tagħha minn dak taż-żiemel, li, għalkemm itjeb, jinħela malajr. Il-baqra tagħti mas-sena demel għoxrin darba daqs kemm tiżen hi. Wieħed, għalhekk, għandu jgħodd miegħu l-mifrex għall-bhejjem. Il-mifrex tal-bhejjem f'dawn il-gżejjer kien meqjus li hu ħafif ġewwa l-irziezet li huma bogħod mix-xtut.

Il-bdiewa tan-naħiet tax-xtut kienu bid-drawwa li jiġbru l-ħaxixa tal-baħar - l-alka - iferrxuha fuq il-qiegħa u jħalluha tinħasel bl-ilma tax-xita u titnaddaf mill-melħ u mbagħad jifirxuha taħt il-bhima.

Il-maqjel, meta jkun nieqes mill-mifrex tajjeb, ma jistax jagħti lill-bidwi dik id-demmiela li jkun fiha btir qawwi (essenza qawwija). Il-mifrex hu meħtieġ mhux biss għall-ġid tar-raba', imma wkoll għas-saħħa tal-bhima.

***Id-demel tal-baqar tax-xogħol.*** Billi l-bdiewa ta' dari kellhom ukoll il-baqar tax-xogħol biex jaħartu r-raba' bihom, kien ikollhom ukoll id-demel tal-baqar tax-xogħol. Id-demel tal-baqar tax-xogħol kien ikun dejjem xi ftit imħaxlef għax il-bdiewa, biex ikattru d-demel, kienu jħobbu jitfgħu fil-maqjel tal-baqra l-ħxielef kollha li jsibu taħt idejhom. u għalhekk id-demel tal-baqar tax-xogħol m'hux sustanzjuż bħal dak tal-barrin, li jkunu qegħdin fuq il-ġwież b'geddumhom dejjem ġol-maxtura u ftit u xejn jitfgħulhom ħxielef taħthom.

***Id-demel tal-maqjel jew tan-ngħaġ u l-mogħoż.*** Dan ukoll hu demel tajjeb wisq għal kull xorta ta' trab. Imma jekk ikun imħaxlef wisq, jew imħallat bid-demel tal-knis, igħodd bħala demel ta' l-imnut. Id-demel tan-ngħaġ u tal-mogħoż ma jeħmerx wisq, bħad-demel tal-baqar, imma jgħodd għall-bajjad u għall-ħerbi iżjed mid-demel tal-baqar għax isaħħan iżjed minnu u jagħti wkoll uċuħ sbieħ wisq, basta ma jkunx imgħobbi wisq bil-ħxielef u jkun ikkonsma u ħemer sewwa fil-miżbla qabel ma jingħata fl-art. Id-demel tan-ngħaġ u tal-mogħoż, qadim u kkunsmat, huwa wkoll tajjeb wisq għalbiex tħollu fl-ilma u ssaqqi bih bħala demel likwidu u billi minnu frisk, qatt ma jista' jagħmel ħsara u jaħraq ix-xtieli bħad-demel tat-tjur.

***Id-demel tal-porċi.*** Dan hu d-demel pur tal-ħnieżer jew tal-majjali. Dan hu l-aħjar u l-iżjed demel sustanzjuż għal kull xorta ta' art u għal kull xorta ta' għelejjel u ta' siġar. M'hix ħaġa ħafifa li ssibu. Għax ftit wisq jinġema' u jekk jintefa' fuq il-miżbla ma' demel ieħor jew jekk jiżdidulu l-ħxielef u l-fdal tal-weraq għall-marqad tal-majjali fil-maqjel, id-demel m'għandux jibqa' jingħadd bħala demel tal-porċi.

Id-demel tal-porċi jinbiegħ ogħla minn demel ieħor u bir-raġun. L-ewwel nett m'hux lakemm issibu, billi dawk li jrabbu l-ħnieżer ma tantx jieħdu ħsieb ilaqqtuh u jiġbruh għalih mingħajr ma jħalltulu żibel ieħor. It-tieni nett jiswa l-flus għax hu demel ta' sustanza kbira, li tkabbar u ġġib 'il quddiem ix-xtieli b'mod li jgħaġġeb, u jekk tagħti minnu żżejjed m'hemmx biża' li se jaħraq ix-xtieli bħalma jagħmel demel ieħor.

Għall-qsari u għall-ħmiemel, fl-imxietel, m'hemmx demel ieħor hekk tajjeb bħad-demel tal-porċi, li jkabbar u jgħin mingħajr qatt ma jagħmel ħsara, lanqas meta



x-xtieli jibqgħu xi ftit neqsin mill-ilma. Jeħmer ħelu, u billi hu grass iżomm l-art niedja u friska iżjed minn demel ieħor, u għalhekk xi bdiewa jagħżlu d-demel tal-porċi meta jiġu biex jagħmlu l-ħmiemel għax-xtieli tat-tadam, tal-brunġiel u tal-bżar, fl-eqqel tax-xitwa biex ikollhom xtieli sbieħ għad-dħul tar-rebbiegħa.

***Id-demel tat-tjur***. Id-demel tat-tjur, u l-iżjed dak tal-ħamiem, hu ħami wisq, u jekk wieħed jagħti ftit żejjed, jew jekk iħalli x-xtieli neqsin mill-ilma, minnufih jaħraqhom u joqtolhom. Id-demel tat-tjur tajjeb wisq għalbiex tħollu fl-ilma u ssaqqi bih l-egħlejjel tas-saqwi matul is-sajf u l-ħarifa, imma trid qabel xejn tħallih jeqdiem u jikkonsma sewwa biex ma jibqax jaħraq wisq, u jinħall fl-ilma aħjar. Id-demel tal-papri u tal-wiżż jaħraq xejn inqas minn demel ta' tjur oħra u xi drabi jaf ukoll iqarras l-art, l-iżjed jekk wieħed jagħti tisqija fuq l-oħra qabel ma l-art tkun intefħet u nixfet u ntaqxet.

B'dana kollu d-demel tat-tjur hu mill-iktar qawwi u sustanzjuż għax fih konċentrat mhux biss il-ħmieġ, imma wkoll il-ftit tal-likwidu li fit-tjur tfisser l-istess ħaġa bħall-urina ta' l-annimali.

***Id-demel tal-fosos***. Il-ħmieġ tal-bnedmin u t-taħmil tal-fosos, irodd l-aħjar demel, l-iżjed sustanzjuż u qawwi, mingħajr ma jaħraq u għalhekk ma jistax jagħmel ħsara fl-art. Il-bdiewa kollha jafu li biex tbejjet il-piżelli, tħawwel it-tadam, għall-għelejjel tas-saqwi m'hemmx demel aħjar mit-taħmil tal-fosos. Bħala demel likwidu t-taħmil tal-fosos ma jħabbatha miegħu xejn. Iżda hemm 'imma' kbira. Il-ħmieġ tal-bnedmin jista' jkun fih mikrobi ta' bosta xorta ta' mard li jista' jittieħed minn bnedmin oħra, fosthom mikrobi tal-kolera, tifojde, sabb id-demm jew diċenterija, eneterite, u mard ieħor. Għalhekk, m'hux rakkomandat li dan id-demel jintuża għall-għelejjel tas-saqwi u tal-kċina qabel ma jkun sterilizzat jew qabel ma jgħaddi minn fuqu bosta żmien.

Illum il-Gvern qiegħed jibni impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ proprju biex dan il-materjal, u l-ilma tiegħu, ma jinħlewx fil-baħar għalxejn, imma jiġu pproċessati biex ikunu jistgħu jintużaw għall-biedja.

***Demel ieħor***. Il-frak jew it-trab tal-għadam, id-demm jew fdal ieħor ta' l-annimali mill-biċċerija, il-bċejjeċ tal-ġlud u tad-dwiefer, ir-rjus, ix-xewk u fdal tal-ħut mill-pixkerija, u fdal ieħor bħal dan, huma kollha demel mill-aħjar.

***Il-guanu.*** Dan huwa l-ħmieġ tat-tajr u tal-friefet il-lejl li jkun ilu jinġema' għal mijiet ta' snin fuq xi gżejjer fejn m'hemmx nies u fejn ibejtu miljuni ta' għasafar u tajr ta' l-ilma, u jkunu ġewwa xi għerien fejn ibejtu sħajjeb kbar ta' friefet il-lejl. Dan il-guanu jinbiegħ bil-bastimenti minn pajjiżu fis-swieq Ewropej u artijiet oħra, u jinbiegħ bil-għoli, u għad li fih ukoll doża qawwija ta' sustanzi li fihom l-ażotu u l-putassa, l-iżjed li fih fosfati u għalhekk fih forza kbira biex ikabbar ix-xtieli u jwassal il-frott. Irid jingħata ħafif għax jista' jaħraq ix-xtieli bħalma jagħmel id-demel tat-tjur.

***L-awrina tal-bhejjem***

Il-bdiewa kollha jgħidu li l-awrina taħraq ix-xtieli. Minn dan kulħadd imissu jinduna li l-awrina tal-bhejjem hija demel mill-aktar qawwi u ta' setgħa għal kull xorta ta' siġar u għelejjel. Ħadd m'għandu, għalhekk, iħalliha sejra u tintilef.

Il-ħxielef tal-marqad tal-bhejjem isiru demel tajjeb għax jixxarrbu bl-awrina u jimtlew bis-sustanzi ta' l-awrina, jeħmru u jsiru demel f'qasir żmien. Issa dari l-art ta' l-imqawel ġewwa l-irziezet aktarx ma kenitx tkun magħmula tal-konkos u bis-siment, u b'hekk kien jiġri li l-kotra l-kbira ta' l-awrina kienet tinxtorob mill-art, tibqa' nieżla u tintilef.

Għalhekk, it-trobbija tal-bhejjem għandha ssir bil-għaqal, il-maqjel għandu jkun bl-art tal-konkos, u maqluba għal xi fossa fejn tintrefa' l-awrina. Imbagħad jew jerfgħu din l-awrina u jroxxuha fuq il-ħxielef tal-miżbla, inkella jġorru din l-awrina u jħalltuha ma' l-ilma għat-tisqija ta' l-uċuħ. L-awrina tista' tintrefa' permezz ta' pompa, u billi l-fossa tkun tinten pesta, tajjeb li tkun xi ftit imbiegħda mir-razzett jew mill-bini.

L-awrina ta' l-annimali fiha sustanzi mhux inqas mill-ħmieġ tagħhom, u fiha l-iżjed sustanzi li jiswew il-flus, li huma l-komposti ta' l-ażotu (nitroġenu) u ta' l-ammonjaka, barra mill-putassa u mill-fosfati, li huma lkoll sustanzi ta' importanza kbira. Jagħmlu sew, għalhekk, dawk li biex jeħmer malajr il-munzell taż-żibel u tat-taħmil ta' l-istalel, flok bl-ilma jsaqquh bl-awrina tal-bhejjem.

Dawk li jkunu jridu jużaw l-awrina biex isaqqu biha, jeħtieġ li jkunu jafu li din hija demel qawwi, bħalma hu d-demel tat-tjur, u jekk jagħtu wisq, jiġri li l-egħlejjel jinħarqu u jmutu. Għalhekk, jeħtieġ li jħalltu l-awrina mal-għaxar jew sa l-għoxrin darba l-volum tagħha ilma, jiġifieri ma' kull barmil awrina jżidu minn għaxra sa għoxrin barmil ilma, qabel ma jsaqqu biha.

L-awrina weħidha m'għandhiex tingħata lill-art ħlief xi ġranet qabel iż-żrigħ jew xi xahar qabel it-taħwil u dan sabiex il-mikrobi ta' l-art jilħqu jiddekomponu l-ammonjaka u jaqilbuha f'aċidu nitriku jew nitrati qabel ma l-għeruq jibdew jaħdmu.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




**SMUGGLER'S CAVE**

**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**

**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**

**Tel: 21 551005 - 21 551983**

**Fax 21 559959**

Full A La Carte Menu, Fresh Fish,

Take Away & Pizza.

**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# 1. IĊ-ĊITTADELLA



*Essay ta' Graziella Vella mir-Rabat (6th Form, Skola Sekondarja Sir M'Anġ Refalo)*



Iċ-Ċittadella, jew aħjar il-Gran Kastell, ankrata fuq waħda mill-għoljiet tipikament ċatti, tgħasses bla waqfien fuq il-gżira pittoreska tat-Tliet Għoljiet. Mill-pożizzjoni ċentrali li tinsab fiha, tinfirex dawra tond magħha veduta mill-isbaħ, ikkaratterizzata minn għoljiet, għelieqi mtarrġin, irziezet, irħula mkennija mill-knejjes parrokkjali, u fuq l-orizzont, baħar kaħlani leqqien. Mhux biss, tidher ukoll parti ġmielha mill-kosta tat-tramuntana u tal-majjistral ta' Malta, u f'ġurnata ta' viżabilità tajba, tintlemaħ il-quċċata tal-vulkan ġgantesk Etna fi Sqallija.

Ħafna mill-kitbiet fuq iċ-Ċittadella jonqsu milli jittrattawha b'mod inklussiv. Ibda biex, minbarra l-valur arkitettoniku u kulturali, din għandha wkoll importanza ekoloġika. Fil-fatt, is-swar għoljin tagħha jospitaw diversi pjanti li normalment jikbru fl-irdumijiet u numru ta' għasafar u rettili żgħar. Aspett ieħor ferm importanti hu r-relazzjoni intima li teżisti bejn l-ambjent u l-istorja fl-iżvilupp taċ-Ċittadella u r-Rabat.

L-arkeoloġija u l-istorja juruna li ma kienx ikun hemm wieħed mingħajr l-ieħor. Jekk nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-okkupazzjoni tal-bniedem fl-akkwati tar-Rabat/Gran Kastell, naraw li matul dawn l-aħħar 7000 sena din il-lokalità kienet kontinwament abitata, daqqa parti, daqqa oħra. Matul l-ewwel 2500 sena il-konċentrazzjoni tidher li kienet lejn ix-xaqliba msejħa Taċ -Ċawla. Eventwalment, matul l-ewwel fażi ta' żmien il-bronż jidher li kien hemm konċentrazzjoni ta' l-attività umana lejn in-naħa tal-Vajringa (ħdejn l-iskola primarja).

Fit-tieni fażi ta' żmien il-bronż niltaqgħu ma' l-ewwel xhieda fejn l-għolja li fuqha hemm il-Gran Kastell inbidlet f'nukleju ta' abitazzjonijiet. Wara, fi żmien il-Feniċi/Puniċi u r-Rumani, is-sit tar Rabat l-antik (madwar il-parroċċa ta' San Ġorġ),





kien ċentru urban ewlieni ta' Għawdex, fil-waqt li l-għolja tal-kastell kienet ta' nkwiet mill-barrani.

Fil-fatt, Erin Serracino Inglott jiddeskrivi t-term Kastell/Ċittadella bhala "fortizza militari fl-aktar parti li taqbel f'belt jew qrib tagħha kemm jista' jkun biex tħarisha mill-ħbit ta' l-għedewwa".

Madanakollu, matul id-dominazzjoni Rumana kien hemm xi forma ta' bini pubbliku fil-post fejn illum tinsab il-Knisja Katidrali. Imbagħad, matul iż-żminijiet imqallba tal-Medju Evu, l-għolja tal-






Kastell saret mingħajr dubju preferuta mill-bqija tar-Rabat, anke jekk dan ta' l-aħħar (is-sit tar-Rabat l-antik) kompla jiġi abitat. Meta però l-periklu tal-furbani beda jitrażżan, u fl-1637 tneħħiet il-liġi li torbot lill-Għawdxin kollha jorqdu fil-Kastell, dan malajr tilef l-importanza tiegħu bhala nukleju urban, fil-waqt li s-sit tar-Rabat reġa' sar preferut u għal darba oħra beda jikber ġmielu.

Wara dan l-isfond storiku, tajjeb ngħidu li mill-aspett arkitettoniku l-Gran Kastell għandu ferm x'joffri - swar, kumpless katidrali, bini pubbliku u fdalijiet medjevali. Bħal fil-każ tal-belt siekta ta' l-Imdina, iċ-Ċittadella tippreserva żewġ tipi ta' fortifikazzjonijiet; dawk medjevali u dawk ta' żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Inkiteb ħafna fuq il-Gran Kastell jew kif sar magħruf aktar fil-letteratura matul l-aħħar snin, iċ-Ċittadella, għax kull kitba serja li tittratta l-wirt kulturali Għawdxi trid bil-fors tinkludi dan il-monument imprezzabbli. Dawn huma l-isbaħ swar ta' Għawdex.

Imma llum? Kemm tassew qed nagħtu kashom? Kemm qegħdin nieħdu ħsiebhom? Dnub kbir jekk dan il-wirt storiku f'ambjent mill-isbaħ, inħalluħ isir borġ ġebel mal-medda tas-snin. Ikun tassew għajb għalina l-Għawdxin jekk iċ-Ċittadella ma tibqax il-ġawhra f'nofs il-gżira tat-Tliet Għoljiet.

The Showcase

SCICLUNA
HOUSEHOLD GOODS
The household department store for the housewife, with two levels, where one can find his home need, under one roof, with very competitive prices, quality and service.

THE GIFT SHOP
WITH AN EXCLUSIVE RANGE OF GIFTS FOR ALL YEAR ROUND SPECIAL OCCASIONS

CANE SHOP
THE "NUMBER ONE" IN GOZO
The wicker and rattan shop with a vast range of cane furniture. We can also accept nonstandard sizes according to the customer request.

Scicluna Household Goods (Gozo) Ltd. - 32 Palm Street, Victoria VCT 103.
Tel: 2155 4137 - 2155 6493 Fax: 2156 1681 Email: sciclunajg@vol.net.mt

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



Ġużeppa Debono

# Ġużeppa Debono (1883-1956)
# 1. Min kienet

**jikteb Angelo Xuereb**

Li timxi wara Kristu ifisser li tgħin lill-oħrajn mhux biss spiritwalment iżda anki b'mod materjali. Dan narawh ċar mill-ħajja ta' Ġużeppa Debono li waqqfet id-dar għall-orfni.

Ġużeppa twieldet fl-14 ta' Ottubru, 1883 ġewwa r-Rabat, Għawdex. Missierha kien jinnegozja l-qoton filwaqt li ommha kienet tħaddem il-bizzilla. B'dan il-mod kienu familja tat-tajjeb. Ta' min isemmi li ħuha Nikol daħal mal-kumpanija tal-Ġiżwiti u ħa l-isem ta' Anton. Wara li ħa l-voti reliġjużi fit-2 ta' Frar 1924, telaq lejn l-Indja u llum jitqies bħala l-fundatur tal-missjoni tas-Santal Parganas.

Ta' seba' snin bdiet tattendi l-iskola primarja u hekk kompliet tikber f'dan l-ambjent reliġjuż. F'età żagħżugħa, Pietru Zammit mir-Rabat ukoll, kien għamlilha l-proposta sabiex jingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ. Għalkemm kienet aċċettat, kienet inċerta ħafna fuq il-futur u kienet titlob biex tara jekk hijiex ir-rieda ta' Alla jew le. Sadanittant waslet għal deċiżjoni li postha ma kienx li tifforma familja u għalhekk ħassret l-għerusija li kienet daħlet għaliha.

Fl-1919 Ġużeppa sfat weħidha minħabba l-mewt tal-ġenituri tagħha; u impressjonata mill-faqar tat-tfal bdiet tiġborhom u tgħallimhom il-bizzilla fid-dar tagħha. F'dawn il-laqgħat kienet tinqara l-ħajja ta' xi qaddis u tispiċċa b'xi ftit qari mill-Imitazzjoni ta' Kristu (il-Kempis).

Mimlija ħeġġa biex tagħmel ġid kbir f'ħajjitha, żgur li ispirat ruħha mix-xogħol ta' ħuha, li kien jieħu ħsieb it-tfal orfni fl-Indja. Lejn il-bidu tas-sena 1935, Ġużeppa daret fuq il-kappillani tad-djoċesi ta' Għawdex biex tfissrilhom l-idea. L-isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi ma sabx oġġezzjoni.

Minn hawnhekk bdiet il-ħidma tagħha favur l-iltiema. L-ewwel tifla li ġiet mogħtija lilha biex tieħu ħsiebha kienet Tereżina Grech minn Għajnsielem li kienet tilfet lil ommha. Hekk fit-23 ta' Lulju 1935 il-ħolma ta' Ġużeppa bdiet titwettaq fil-prattika. Bil-mod il-mod it-tfal bdew jiżdiedu u hija flimkien mal-kollaboraturi tagħha bdew jissejħu s-'Soċjetà ta' l-Assunzjoni'. Meta faqqgħet il-gwerra, id-dar imtliet b'madwar għoxrin bejn tfal u trabi.

Meta nsemmu l-ħajja ta' Ġużeppa ma nistgħux ninsew lill-id il-leminija tagħha, Marija Balluci, li għamlet ħajjitha kollha tiġbor il-karità għat-tfal li kienu jieħdu ħsieb flimkien.

Maż-żmien inħass il-bżonn li kellhom imorru f'post kbir u adattat għall- ħtieġa tat-tfal. Bil-għajnuna ta' Mons. Luigi Galea ġiet akkwistata biċċa raba' fl-Imġarr wara l-kappella ta' Lourdes. Kien fl-24 ta' Awissu, 1947 li d-Dar ta' Lourdes tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace.

Ġużeppa pperseverat sa l-aħħar fil-vokazzjoni tagħha minkejja li mhux il-proġetti kollha li ħolmot seħħew. Lejn il-bidu tas-sena 1956 intefgħet fis-sodda l-jum kollu filwaqt li sofriet minn trombożi. Għal aħbar li ħuha Patri Anton kien miet, ħassha ħażin. Bosta qassisin fosthom l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace marru jżuruha. Hekk assistita mit-tfal u minn diversi saċerdoti ħalliet din id-dinja f'dik l-istess sena.

Il-ħidma ta' Ġużeppa Debono hija xhieda ta' karità nisranija fil-gżejjer Maltin. *(Jissokta)*


TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# HOLM — IL-ĦAJJA



*Pariri liż-Żgħażagħ minn* ***MARY PULI***

## TIKBER U TITGĦALLEM!

### 1 Storja

Josef kien għadu żgħir meta tilef 'l ommu, iżda missieru rabbieħ f'għożża kbira u ħa ħsiebu sewwa fl-edukazzjoni. Billi kien sinjur, bagħat lil ibnu fl-aqwa kulleġġi. Ma ddispjaċiehx għax għadda bl-unuri fil-professjoni li għażel.

Bħala rigal tal-gradwazzjoni, Josef xtaq karozza sportiva, l-aħħar mudell. Kull daħla u ħarġa kien jitfa' l-botti lil missieru, imma missieru għamilha ta' bir-ruħu li mhux jagħti kasu.

Wasal jum il-gradwazzjoni u l-missier ippreżentalu kaxxa tal-ġilda mill-isbaħ. Josef fetaħha, u meta ra l-Bibbja b'qoxra tad-deheb, għolla leħnu u qallu: "B'dawk il-flus kollha li għandek, Bibbja kont kapaċi tixtrili? Jien il-karozza ridt. Il-Bibbja żommha int." B'rabja telaq 'il barra u qatt aktar ma daħal id-dar.

Siefer u bena negozju, dar u familja. Meta stabbilixxa ruħu ftakar f'missieru u ġietu x-xewqa li jmur jarah. Meta beda jagħmel it-tħejjijiet waslitlu telegramma li missieru miet u ħalla ġidu kollu lilu.

Josef telaq lejn dar missieru. Beda dieħel u ħiereġ minn kamra għall-oħra u kif daħal fl-uffiċċju ta' missieru, lemaħ il-Bibbja eżatt fil-post fejn kien ħallieha b'rabja dakinhar li telaq għal kollox. Ħadha f'idu u malli qaleb il-qoxra waqgħet iċ-ċavetta tal-karozza li xtaq, b'biljett marbut magħha bil-kliem: KOLLOX IMĦALLAS.

Josef iddispjaċih u beka għall-mod kif ħalla lil missieru, imma missieru miet qabel laħaq sewwa l-iżball u jitlob skuża!

### 2 Test

Ta' min kien l-iżball, tal-missier li ħbielu ċ-ċavetta tal-karozza fil-Bibbja jew ta' Josef?
Għaliex taħseb li Josef ma kienx grat lejn missieru?
Għax seta' jikkuntentah f'kollox billi kien sinjur?
Tgħid għax trabba fil-kulleġġi u relazzjonijiet familjari ma' missieru kien hemm ftit li xejn?

### 3 Tagħlim

Biex ma tagħtix dispjaċiri lill-ġenituri u lill-familja tiegħek:-

• Irrispettahom u kun grat lejhom għal dak kollu li għamlu u qed jagħmlu għalik.
• Isma' minn kliemhom għax ħadd daqshom ma jixtieqlek il-ġid.
• Kun ġentili kemm fi kliemek kif ukoll f'imġiebtek magħhom.
• Tkunx egoist u taħseb għal rasek biss, imma aqsam ma' ħutek ir-rigali, il-ħelu, il-kotba, ħalli tferraħ lill-ġenituri tiegħek.
• Tieħu xejn, bla permess, affarijiet li huma ta' ħutek, u jekk jisilfuk xi ħaġa ħu ħsiebha u erġa' rodda lura malli tispiċċa minnha.
• Tkunx il-kawża ta' nuqqas ta' ferħ u paċi fil-familja billi tinki, tiġġieled, targumenta, tagħti laqmijiet, tgerger għal kull ħaġa ta' xejn.
• Jekk ikollok xi tgħid ma' xi ħadd minn ħutek u aktar mal-ġenituri tiegħek, itlob skuża mill-ewwel. • Jekk xi ħadd minnhom jitolbok skuża talli jkun għamillek xi ħaġa, aċċetta l-iskuża tiegħu, aħfirlu u agħmel ħbieb mill-ġdid.
• Niftakru ngħidu: "Il-Jum it-tajjeb"; Il-Lejl it-Tajjeb"; "Grazzi"; "Jekk jogħġbok"; "Skużani"; "Ma, nista' nieħu biċċa kejk, jekk jogħġbok?", "Kif inti? Tħossok aħjar?" u kliem ieħor bħal dan.
• Mhix edukazzjoni toqgħod tissemma' xi jkunu qed jgħidu l-ġenituri tiegħek, lanqas jekk ikunu qed jitkellmu mal-barranin.
• Tibqax qrib dak li jkun meta jkun fuq it-telephone, u jekk xi ħadd minn tal-familja jirċievi telefonata għaddihielu mingħajr ma titkixxef x'irid jew min hu. Il-ġenituri biss għandhom dritt ikunu jafu min ċempel lit-tfal tagħhom, għalfejn u xi jridu.
• Jekk tkunu qed titkellmu, tiħux il-ħabel f'idejk u tippretendi li għandek tgħid tiegħek biss.
• Tiftaħx ittri li ma jkunux għalik: il-ġenituri biss għandhom dritt jiftħu l-ittri li jirċievu wliedhom meta jkunu taħt l-età.
• Tistenniex li dejjem ser tara l-programmi televisivi li tixtieq int, tgħallem ċedi ħalli fid-dar ikun hemm atmosfera ta' paċi u mħabba.
• Toħroġx mid-dar qabel tgħid lil-ġenituri tiegħek fejn sejjer, ma' min sejjer u kemm ser iddum. Jekk il-ġenituri jagħtuk ħin biex terġa' lura, fittex li żżomm mal-ħin li tawk. Tgħidilhomx li sejjer f'post u tmur f'ieħor għax ma tiġix emmnut u jistgħu ma jafdawkx.
• Tagħmilhiex ma' ħbieb bla għaqal li l-ġenituri ma jridukx tagħmilha magħhom, għax tbati l-konsegwenzi.
• Għin kemm tista' fid-dar fejn tidħol l-ordni, l-indafa u tisbiħ tad-dar u jekk taf li hemm bżonnijiet li jridu jsiru, aqbad u agħmilhom minn jeddek, mhux tħalli lil ommok tqabbdek hi.
Kull meta jkollok problema iftaħ qalbek mal-ġenituri tiegħek qabel ikun tard wisq.
• Id-dar hija "*home*" mhix lukanda, fejn il-familja tgħix flimkien, taħt saqaf wieħed possibilment f'armonija sħiħa, fil-paċi u fl-imħabba.

***Dejjem tiegħek, Mary Puli***

*Għawdxin li għadna niftakru - 21* *Minn Pawlu Mizzi*

# MANWIL TAN-NUNU

Kaxxa ċajt kien daz-ziju Manwil! Barbier tajjeb kemm tridu. U fitt f'xogħlu. Imma, allahares, kellek taqa' f'ilsienu għax rumanz joħloq minn għastek. Ngħid għalija, minkejja li kont nisma' fuqu, ma kontx nibdlu lanqas ma' Merola. Il-paċenzja li kellu biex jagħtik qatgħa xagħar ta' nies kienet għalija tisboq iż-żmien li jeħodli jredden. Ma kien iħallilek beżbuża mkien. Sallum għadni nisma' l-ponta ta' l-imqass iċċekċek ma' widnejja. Anke b'ilsienu jtaqtaq daqs ta' tellerita!

Kellu dik li t-Taljani jgħidulha *perpetua fantasmagoria*. Il-ħin kollu jara x'jivvinta. Ħalli jkollu żmien iħawwarlek kull storja li jballagħlek. Kienet parti mis-sengħa tal-barbier! Dak inhar iżjed mil-lum. Imbagħad fl-aħħar ftit terra, xkupiljatura, u qabel jaqlagħlek il-biċċa minn m'għonqok, kien jgħidlek f'widintek:

*'Ussa kisik ma smojt xejn, xbejn, tof! Li edtlik bejnitne!'*

Kien hemm min imur apposta jisimgħu jharref! Is-Sibt b'mod partikolari. Illum, inħares lura, inġib quddiem għajnejja s-'*Sabato del Villaggio*' kif kien jispjegahielna Dun Gulielm Grima.

Hekk kien l-ambjent ħdejn San Ġorġ fejn kellu l-ħanut iz-ziju! Qisek f'raħal ta' l-*ottocento* fi Sqallija!

Pjazza żgħira – il-kwart ta' dik li hi llum. B'arkitettura medjevali, imlaqqta u miżjuda mal-modern u b'toroq dojoq jisserpu fiha minn kull kantuniera. U 'l hawn u 'l hemm gzuz ta' nies, Min jixtri u min jitkellem. In-nisa naħa, aktarx quddiem tal-ħaxix b'xi bixkilla taħt ċurqana jew għonnella magħluqa. U l-irġiel oħra, mehdija jithaddtu, b'beritta jew kappel iswed imdeffes f'rasħom sa taħt widnejhom. Uħud mitfugħa kokka jew bilqiegħda fuq it-taraġ ta' San Ġorġ.

Hekk kien iċ-ċentru tar-Rabat sa sebgħin sena ilu! Imdawwar bil-ħwienet. Fuq in-naħa mnejn tal-Ħaġar ħanut ta' ħajjat. Ta' Peppu ta' Peppa. Kont niskanta lejh narah idaħħal il-ħajta fil-labra bla ma jħares lejha. Imma x'sengħa kellhom! U fuqu, dar b'gallerija ta' l-injam magħluqa. Tmiss kważi ma' San Ġorġ.

'*Din tas-sur Ċikk tas-Sabieħa,*' kienu jgħiduli x'ħin noħorġu mid-duttrina. 'U tgħajjatx għax tqajjem lil Dun Ġanpatist.' Ġie li miegħu kien ikun hemm ħuh il-Ġeżwita, patri Ġużepp. Dak kien dejjem jikteb u jistudja! U jgħidu li sa dizzjunarju tal-Malti kien għamel.

U bieb ma' bieb magħhom Nikola tal-Panzier li kien jagħmel il-festuni tal-festa, imbagħad Karmnu ta' Ġummiena, armat bit-tabakk, sigarri, sigaretti u xorb. U sufri, sniener u oġġetti, oħra tas-sajd; ħdejh Ġużepp ta' Botu b'ħanut żgħir tal-merċa; u iktar 'l isfel minnu żewġ ħwienet tal-laħam, ta' Niesju u taċ-Ċatta.

Biswithom, kif taqsam it-triq tas-suq, San Ġużepp: daqsxejn ta' kappella barokka, mibnija fl-1730. Qabilha, meta t-Tokk kien iwassal s'hemm, jgħidu li kien hemm żewġ kappelli oħra, iktar qodma minnha. Minn hawn kien jibda ċ-ċentru storiku: dar oħra kbira, tagħti fuq il-pjazza, għamla ta' maqrud. Dari residenza tal-baruni Viani. Fi żmien iz-ziju maqsuma: isfel ħanut, u fuq apartament privat.



Fil-kantuniera tagħha niċċa tal-Madonna ta' Loretu. Kien għamilha ċertu Mikiel Grima fl-1769. U b'fanal quddiemha dejjem jixgħel. Fi tfuliti kienet tieħu ħsiebha Roża ta' Ħili, li kellha l-ħanut kważi taħtha.

Max-xaqliba l-oħra l-oħra li tagħti għal ħdejn tal-Badiku kien hemm: Ta' Marozz bil-ħaxix, f'rimissa nofsha mbarrata b'erba' filati ġebel. Kif ħallewh minn żmien il-kwarantina tal-kolera ta' l-1813. Imbagħad, dar privata oħra b'ħanut tal-kafè. U fl-aħħar, bieb 'l hawn minn tal-kafè, il-ħanut taz-ziju, dan Manwil tan-Nunu.

Kien tassew trabokk f'tarf strada Karità. U tiskanta kif anke f'dawk iż-żminijiet ta' taqlib, bejn it-tletinijiet u l-ħamsinijiet, min kien jgħaddi minn hemm jinqabad għandu. Mhux l-ewwel darba li sibtlu l-Patri Ġaċint, Pawlu Ross id-dentist, Ġorġ Pisani, in-nutar Galea tal-Kejkel, is-sur Ġorġ Galea ta' l-Erbgħa, lil ħuh Lorry, il-perit Refalo ta' Nuratu, l-aħwa taz-Zopp il-Monsinjur Dun Franġisk u ħuh Ġużepp, lit-tabib ta' Masu, lil Dun Ġużepp Goiosa. Ġie li anke lil Ġorġ Borg Olivier meta jkun Għawdex. Nies minn kull skalluna tas-soċjetà. Veru li kien barbier tajjeb. Imma, mhux kulħadd kien imur biex jaqta' xagħru biss.

Il-ħanut ta' Lilej tan-Nunu kien il-widna tar-Rabat. Tisma' fih kulma kien jiġri fil-gżira. Aktar mill-*Berqa* jew mill-*Patria*! U minn kien sa jsir kappillan. U min twieled jew miet. Min bagħat joħtob lil Ċikke jew lil Nette. Meta kien ġej Strickland Għawdex. U elf ħaġa oħra. Kultant lanqas fil-*Brombos* ma kont taqra ċerti aħbarijiet!

U terġa' Manwil, barra milli jaqta' x-xagħar sewwa, kien jagħmel elf ħaġa. Għalhekk kienet tfittxu n-nies! Kien ipinġi kwadri għas-sala. Jagħmel disinni tal-bizzilla. Idoqq il-platti jew il-katuba fil-banda!

'U ipaspar u jivvinta kemm jieħu nifs,' qalli darba s-sur Wiġ Cutajar tal-Manżalett biex ma jkun tnaqqaslu xejn minn ġieħu.

Iz-ziju semgħu u ma kkummentax. Nisthajlu, imma, qal f'qalbu: '*Wil-baqra mixx milli jkelle tbeħħ!*' Forsi, għalhekk ħanutu kien dejjem bin-nies. Għax kellu aktar minn prodott wieħed x'ibegħ. Manwil, fuq kollox, kien dħuli u ċajtier. U kien jaf imur mal-klijenti tiegħu. Ma għandix dubbju li bħal Baskal ta' Kunċetta u l-prokuratur legali Ġużeppi Saliba, jew Ġoġo tax-Xejxier, ma kinux jmorru għandu għax dilettanti tal-moda tax-xagħar!

Ġoġo, per eżempju, kien dieħel u ħiereġ għandu. Kif xi kelma tolqtu, jieqaf jissamma'. U, malli jkun sama' dak li kellu x'jgħid Manwil, jaqbad il-bakketta u jibda jkantalu l-aħħar silta ta' l-arja tal-*Barbiere di Siviglia*:

*'Che bel mestiere! Esser barbiere di qualita! Di qualità!'* U jkompli ħiereġ jidħak! Min jaf x'ferrovija ta' ħsibijiet jaqbdu għaddejjin minn moħħu dak il-ħin?

Darba, ftit wara li lħaqt *teacher* fettilli nneħħi l-ferq u nitfa' xagħri lura. Hekk kienet il-moda! Nies fil-ħanut ma kellux. Niftakar, kien qed ipinġi. B'tilar daqsxiex quddiemu. U hu b'patattu mserrħa fuq tarf banketta twila. Kont tistħajlu l-pittur tal-*Bohem* b'sieqa x-xellugija milwija minn irkobbtu. Għajnejh fissi fuq dak li qed jagħmel. F'idu l-waħda l-paletta u fl-oħra pożaman. U f'ħalqu maħkum f'xufftejh il-pinzell.

Kien qed ipinġi San Ġorġ ta' barra. Jien bqajt inħares lejh.

'Sabiħ,' gedwidt minn taħt l-ilsien. 'Tassew sabiħ fil-poża ta' Cremona!'

'Imponenti wieqaf fuq id-dragun!' għidtlu. Imma ma tax kas. Baqa' jiġġebbed lura u 'l quddiem iħares lejh. Qisu ma kien qed ikellmu ħadd. U biex niġbidlu l-attenzjoni komplejt infaħħru: 'Kuluri naturali bħal ta' Briffa'.

*'Don għal Gunżoj!'* qalli kollu serjetà. *'Irrejd namiluiuw qisiw ritrott!'*

Imbagħad qam u qalli noqgħod fuq is-siġġu biex jaqtagħli xagħri.

*'Se jatuwuluw ta' l-Istille. Tħubat ħafne biex jiġi Cuntoj għall-kuppla!'* reġa' qalli biex jasal għall-praspura li kien qed jaħmili f'moħħu.

L-isqof Gonzi ma kienx ilu li ġie maħtur Arċisqof ta' Malta u kien ta' spiss jilqa' għandu soċjetajiet filarmoniċi li kienu jagħmlulu żjara ta' kortesija. Għalhekk, ħadtha *for granted* li dak li kien qed jgħidli kien minnu. U smajtu b'attenzjoni tant li kif mort id-dar, billi kont il-korrispondent għal Għawdex tat-*Times of Malta*, niżżilt l-istorja kif qalhieli biex nibgħatha lill-ġurnal. Dak iż-żmien kull biċċa aħbar kienet tiswa fl-*iNews-room*. Minnha kienet tista' toħroġ storja interessanti.

U hekk kien! Għax li ma kienx għas-sur Storace, li kien *news editor* u li ċempell il-Kurja biex jiċċekkja meta ta' l-Istilla kienu sejrin għand l-Arċisqof, kieku l-istorja taz-ziju Manwil żgur dehret kif tajthielhom jien fil-kolonni tat-*Times*. U jien kont nispiċċa bla *job* u San Ġorġ bla Conti.

Wara dik il-*gaff* ma kellix kuraġġ nidher barra! Kont inħossni mirgħux. U ħadt aktar minn tliet snin sa ma ġejt f'tiegħu u ersaqt lejn il-ħanut taz-ziju Manwil.

Niftakar, kien qed jagħmel kopja tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu. Kien jiskantani. Ma tgħallem għand ħadd u kien jagħmel tpenġijiet ta' dak il-kalibru. Kont nibqa' nħares lejh – veru ma kienx xi Eraldi – imma, ix-xeħta li kellu għad-disinn ma kenitx inqas minn ta' artisti kbar.

*'Don għall-knisje ta' Kirċim!'* qalli kif rani. Ma tkellimtx. U hu baqa' qisu qatt ma ġara xejn bejnietna, daqqa jirtokkja l-karniġjon tal-Madonna b'taħlitiet ta' aħmar u isfar u daqqa jgħaddi truf il-ġwienaħ ta' l-anġli bl-abjad jew bil-griż skur.

*'M'intejx temminej?'* kompla qalli.

Xtaqt indaħħallu rasu ġot-tila! Imma kont naħjih. U għażilt li ma nwieġbux. Stħajjiltu rieġa' ġej bid-dgħajsa. Ried donnu jeħodli minn rasi x'kien ġrali dak inhar li qalli li dak San Ġorġ li kien qed jagħmel kien għal Gonzi. Ħallejtu, imma, b'xiber imnieħer!

*'Staqsoj lil Mess Calleja, oħt l-avukot!'* kompla jgħidli. *'Virew! Virew! Don wegħde!'*

Ħallejtu jgħid. *'Mur mirieħ,'* għidt f'qalbi.

Imma veru hekk kien. Xi snin wara fil-festa tas-Sukkors inzertajt fis-sagristija tal-knisja ta' Kerċem u nilmaħ dal-kwadru taz-ziju.

'Dak għamlitu Marija Calleja b'wegħda għal huha,' qalli xi ħadd minn warajja x'ħin rani bqajt inħares lejh. Inkredibbli! Ma kontx naf kellix nemmen jew kellix ngħaddiha b'ċajta. Kont qisni fl-istorja tal-lupu.

Darba oħra nzertajt fil-ħanut tiegħu lil Willie Attard. Mhux is-surmast li kellhom ta' Ljun. Dak kien persuna aktar serja. Dan kien in-nepputi tiegħu. Iżgħar u għalhekk moħħ ir-riħ! Kien skultur u kien, dak iż-żmien, qed jagħmel xi xogħlijiet fil-koppletti tan-navi ta' San Ġorġ. Kaxxa ċajt oħra bhaz-ziju. Meta dħalt sibthom ras ma' ras jidħku. Kif rawni z-ziju qata' d-diskors u ressaqli s-siġġu biex jaqtagħli xagħri.

*"M'intejx sejjir ma' ta' l-Istille Katunja?"* staqsieni hu u qed jeħmiżli l-biċċa m'għonqi.

"X'jidihirlek!" weġibtu.

Qatt l-ebda banda Għawdxija qabel ma kienet ħarġet barra minn xtutna. U l-ebda banda Maltija minn wara l-gwerra! Kien hawn ferment fost il-partitarji taż-żewġ baned tar-Rabat!

*'Ejje, tof,'* qalli, *'Jin ukill sejjir! Niehdow gust. Usma'*, *smojt x'sa jamlew? Sa jisparaw fil-ħamse. Filgħodu. Biex ħadd ma jubqa' riqid! Ġejjejn ħafnae nis, 'l fowk minn 200 ruħ. Qed jejduw erbatox-il xarabonk!'*

U sa x'ħin qatagħli xagħri ħlief iredden fuq x'sa jdoqqu u x'sa jagħmlu ta' l Istilla ma qalx.

Katanja tiela' u Villa Bellini nieżla. U kultant ifakkarni fit-tir li kellhom jisparaw filgħodu kmieni!

Ix-xniegħa ġriet u lejlet li kellna nsiefru flgħaxija kulħadd mar jorqod kmieni biex filgħodu mat-tir fil-ħamsa jmur lejn il-pjazza tat-Tokk biex nitilqu flimkien. erbatax-il xarabank! Waħda wara l-oħra!

Ma kienx, imma, tir! Flok fil-ħamsa xiħadd spara fis-sagħtejn.

Jekk marrux nies il-pjazza dak il-ħin ma nafx. Naf, iżda, li meta jien wasalt it-Tokk fil-ħamsa ta' filgħodu għand tar-Rebekk ilmaħt lil Willie Attard jixrob il-kafè, ipaċpaċ ma' Rizzu, u jidħak.

Manwil għadda minn ħdejh bil-katuba ftit warajja, imma, għamel ta' bir-ruħu ma rahx. Fuq ix-xarabank tgħidx x'għamel. Batterija sħiħa! Il-katuba u l-platti jdoqqu u xi ħadd jgħanni u jqabbel.

U sax-Xatt ma waqfux jgħajtu u jkantaw.

Min kellu *mano in pasta* mhux faċli li tgħid. Minn dawn, imma, Manwil u Willie kellhom kemm trid. Il-biċċa l-kbira ntesew. Bħall-istorja ta' Peppi meta ġab il-bajtar lil Manwil biex jibgħathom lill-Papa; jew it-telefonata tar-Reġina Eliżabbetta li xtaqet tordna disinn tal-bizzilla m'għand Manwil; jew ta' l-abbozzi li Manwil kellu jagħmel għas-saqaf ta' San Ġorġ...!

Għax, kif stqarr il-maġistrat fil-kawża ta' libell li kienet saritlu fuq is-siġilli taz-zalzett, Manwil bl-istejjer tiegħu qatt ma ried joffendi lil ħadd. Ried biss juri li, minkejja l-problemi, il-ħajja tista' tkun għal kulħadd eħfef u isbaħ bi ftit daħk u ċajt!

*Passiġġata Biblika -3*

# "Ħobb lil Alla u ħares il-Kmandamenti tiegħu, għax f'dan jinġabar il-bniedem kollu" (Qoh 12:13)

# IL-KTIEB TA' QOHELET

minn Fr. Charles Buttigieg

## *Titlu u Awtur*

**Bla dubju wieħed mill-kotba tal-Għerf l-iktar interessanti huwa dak ta' Qohelet. It-titlu Lhudi 'Qohelet', ġej min-nom 'qahal', li jfisser 'laqgħa jew ġemgħa'. It-titlu Grieg 'Ekklesjaste' għandu l-għeruq tiegħu fil-kelma 'ekklesia'. Minn xi osservazzjonijiet fil-ktieb, wieħed jista` jgħid li Qohelet huwa dik il-persuna anonima li kienet tmexxi b'awtorità u bi prestiġju l-laqgħa tal-ġemgħa.**

## *Kuntest Storiku*

Bosta studjużi jaqblu li l-ktieb ta' Qohelet inkiteb fi żmien il-ħakma Griega. Dan ifisser li d-datazzjoni hija fit-tieni nofs tas-seklu 300 Q.K.–250 Q.K. L-awtur isemmi ukoll iż-żmien ta' faqar u ta' persekuzzjonjiet li kien għaddej minnu l-poplu Lhudi. Dan iż-żmien ta' anarkija jaqbel ħafna maż-żmien tal-ħakma Griega għalkemm donnu jidher li l-poplu ma kienx involut f'xi gwerra.

## *Xebħ ma' Kitbiet oħrajn*

Huwa meqjus ir-raba' wieħed fil-*megillot* (romblu) li huma ħames kotba: il-ktieb ta' Rut, il-Għanja ta' l-Għanjiet, Ester u Lamentazzjonijiet. Jingħad li kienu jinqraw siltiet minnu fit-tielet ġurnata tal-Festa ta' l-Għerejjex - "tabernakli". Dan għaliex matul din il-festa il-poplu kien jinsa kollox u kien jintilef fil-ferħ li Qohelet isemmi fil-ktieb.

Hemm ukoll xebħ kbir fil-ħsieb tal-awtur, mal-kultura filosofika griega. Hemm rabta mal-ħsibijiet filosofiċi ta' Heraclitus, Aristotile, Zeno, Theoginis u Epicurus. S. Langdon jikkonsidra l-influwenza tal-kultura tal-Assirja u dik ta' Babilonja (900 Q.K.), speċjalment l-influwenza tal-Ktieb "Djalogi ta' Pessimiżmu". Hemm diversi dokumenti u kotba oħrajn tal-qedem li żgur influwenzaw il-moħħ tal-awtur bħalma huma: l-Epika ta' Gilgamesh (c.2000 Q.K), l-Għanja ta' l-Arpista (3400 Q.K.), l-Istruzzjoni ta' Ptahhotep (3000 Q.K.) u l-Għerf ta' Amen-em-ope. Hemm min jara wkoll relazzjoni mal-Ktieb tal-Proverbji (speċjalment 22:17 - 24:34). Għandu xebħ kbir mal-ktieb ta' Ġob li tidher tajjeb fl-istess problemi li wieħed isib fiż-żewġ kitbiet.

## *Struttura tal-Ktieb*

F'dan il-ktieb wieħed jiltaqa' ma diversi inkonsistenzi u bidla kontinwa fis-suġġetti mitkellma. Allura fejn tidher l-unità f'dan il-ktieb? R. Gordis u J.H. Blieffert jipproponu li x-xogħol tal-ktieb huwa frott ta' unità letterarja u testment spiritwali ta' bniedem b'kumplessità kbira fil-personalità tiegħu: "*The book emerges as a literary unit, the spiritual testament of a single, complex, richly endowed reality*". H.L. Ginsberg jaqsam il-ktieb f'erba' taqsimiet: (A) 1:2 - 2:26 (Kollox frugħa), (B) 3:1 - 4:3 (Kollox żmienu), (A1) 4:4 - 6:9 u (B1) 6:10 -12:8. Fejn A u B huma kumplimentari.

## *Il-Messaġġ ta' Qohelet*

H. Odeberg jgħid li l-iskop ta' Qohelet kien li jagħti tifsira aħjar tad-dinja u tal-ħajja tal-bniedem. Infatti huwa uniku u anke differenti mit-tagħlim tal-Antik Testment dwar Alla u r-reliġjon. Qohelet jidher aktar filosofiku, li bir-razzjonaliżmu jipprova jagħti tifsira tar-rejaltà: " U tajt ruħi biex infittex u nisharreġ bil-għerf dak kollu li jsir taħt is-sema. Biċċa xogħol iebsa, din li Alla ta' 'l ulied il-bniedem fhiex jehdew" (1:13). Minn hawnhekk naraw kemm il-ktieb huwa wieħed filosofiku u għalhekk jagħmel parti mill-Kotba tal-Għerf.

Xi kultant Qohelet jidher deżolut, mimli nċertezzi, monotonu, dubjuż, mimli biża', pessimist u l-ħsibijiet huma mimlija ċpar; għalih il-ħajja hija frugħa: "U min jaf jekk nifs il-ħajja tal-bniedem jitlax 'il fuq, u nifs il-ħajja tal-bhima jinżilx 'l isfel lejn l-art? Minn hawn nara li m'hemmx aħjar għall-bniedem milli jgawdi xogħol idejh, għax dan hu kull ma jmissu. Min jista' jara dak li jsir warajh?" (3:21). U għalhekk Qohelet ifittex il-ferħ fil-ħajja tal-bniedem f'din id-dinja.

Fil-ktieb wieħed mela jiltaqa' ma' diversi suġġetti li fil-maġġoranza tagħhom għandhom x'jaqsmu mal-ħajja tal-bniedem u s-sens ta' din l-istess ħajja tal-bniedem, għaliex il-ktieb mhu xejn ħlief investigazzjoni tar-rejaltà. Jitratta fuq kollox dwar il-vanità tal-għanijiet u x-xewqat tal-bniedem: Kollox frugħa (1:2-11), il-frugħa tal-għerf (1:12-18), il-frugħa anke tax-xewqat u ta' għemil il-

bniedem (2:1-22). Qohelet ikompli bil-ħsieb tiegħu: il-frugħa tax-xogħol (4:1-16) u l-frugħa tal-għana (5:10 - 6:12). Anke l-istess għerf ma joffrix sigurtà u ċertezza fil-bniedem (7:15-29).. Il-frażi famuża li nsibu hija "O frugħa tal-frugħat! Kollox frugħa!" (1:2). Hu proprju quddiem din il-frugħa (li tfisser 'taqbad ir-riħ' u allura 'ix-xejn') li l-bniedem għandu jibda jħares lejn Alla.

Għalhekk huwa jgħidilna biex dejjem ngħixu l-mument preżenti. Nilqgħu kollox għal dak li jibgħatilna Alla għaliex 'l hinn minnu m'hemmx xejn ħlief frugħa. Nilqgħu il-ferħ u ma niftakrux fid-dwejjaq, u meta tiġi t-tbatija fuqna ma nimlewx rasna bil-jiem ta' meta konna ferħanin, sabiex b'hekk ma nitilfux il-ferħ tal-preżent. Qohelet jagħtina parir ukoll biex ma nintrabtux ma' xi ħaġa li mhix t'Alla għax żgur li ma nakkwistawx il-veru sodisfazzjon li wieħed dejjem ifittex fil-ħajja tiegħu. Dan nistgħu narawh fit-tagħlim tat-teoloġija fejn kull wieħed minna jagħraf l-insuffiċjenza tar-raġuni tiegħu u għalhekk jasal għall-għarfien aktar sħiħ tad-dawl divin, ta' Alla.

L-hena hija don t'Alla u għandna dejjem nfittxuha. Din it-tfittxija għall-veru ferħ tagħti skop lill-ħajja qasira tal-bniedem u bażi razzjonali biex igawdi din il-ħajja biex b'hekk: "it-trab jerġa' jmur fl-art imnejn ġie, u n-nifs tal-ħajja jitlaq lejn Alla, minn fejn ġie". (12:7). Dak li hu skond ir-rieda t'Alla hu għodda tajba biex wieħed jgħix hieni. Meta wieħed jiddistakka ruħu minn Alla, jkun fl-istess hin jiddistakka ruħu mill-ferħ li huwa qiegħed ifittex.

## *Konklużjoni*

Skond l-opinjoni tiegħi jekk wieħed jipprova jifhem il-moħħ ta' Qohelet u jwarrab kull preġudizzju pessimistiku jasal biex jakkwista filosofija b'validità umana u fuq kollox waħda kristjana li tiffoka fuq il-dinjità tal-persuna umana. Fl-istess dubji u nċertezzi li naraw fil-mixja tal-ktieb, naraw ukoll mixja ta' maturazzjoni personali tal-kittieb u fuq kollox mixja ta' fidi: "Kollox għamel (Alla) tajjeb f'waqtu; qiegħed ukoll il-ħsieb ta' l-eternità fil-qalb tal-bniedem, għalkemm dan (il-bniedem) ma jifhimx x'qed jagħmel Alla mill-bidu sat-tmiem" (3:11).



Din il-mixja ta' maturazzjoni timla l-qalb ta' kull bniedem b'tama biex wieħed jasal għad-dawl li jiżboq żgur id-dlam tal-ħajja. Għalhekk Alla huwa dak l-Esseri li jaf ir-risposta tal-mistoqsija suprema u ultima tal-eżistenza umana. Fi kliem sempliċi Qohelet jgħidilna: Alla għandu jkun ir-risposta ta' kull bniedem. "Ħobb lil Alla u ħares il-Kmandamenti tiegħu, għax f'dan jinġabar il-bniedem kollu" (Qoh 12:13). Qohelet għalhekk jippreżentalna mixja ta' bniedem fl-iskoperta tiegħu nnifsu u ta' Alla. Hija l-istess mixja li għamlu d-dixxipli ta' Emmaus (fil-bidu mixja ta' delużjoni u ta' niżla) li imbagħad saret mixja ta' fidi u ta' tama meta għarfu lil Kristu fil-qsim tal-Ħobż.

### *Biblijografija*


J.L. CRENSHAW, *A Whirpool of Torment, Israelite traditions of God as an oppressive presence, Philadelphia* 1984, 77- 92.

J. ELLUL, *Reason for Being. A Meditation on Ecclesiastes, Grand Rapids (MI)* 1991

A. GIRLANDA, *Antico Testamento. Iniziazione Biblica, Milano* 1992, 242.

*The International Standard Bible Encyclopedia, II, ed. G.W. Bromiley, Michigan 1992, 458-467.*

*J.L. Mc KENZIE, Dictionary of the Bible, London* 91985, 209.

J.A. LOADER, *Polar Structures in the Book of Qoheleth, Beihefte zur Zeitschrift fur die alttestamentliche Wissenschaft 152, Berlin* 1979.

F. PIOTTI, *La lingua dell' Ecclesiaste e lo sviluppo storico dell'ebraico, in Bibbia e Oriente* 19 (1977) 55-66.








# int u saħħtek

*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*



# L-Ikel Organiku u l-Ikel GM

**Ikel organiku huwa ikel jew prodotti tar-raba' li ma fihom l-ebda kimika jew mediċini bħal antibiotiċi u ormoni, pestiċidi jew fertillizzanti. Fi kliem ieħor dan huwa ikel jew prodotti oħra mogħtija lilna minn ommna n-natura. Missirijietna kienu jsejħulu ikel mill-art. Biss illum ix-xjenza botanika u agrikola avvanzat u għalhekk illum wieħed isib ħafna għajnuna u tagħlim f'dan il-qasam. Biex il-prodott ikun iktar esklussiv u mija fil-mija organiku, anke żrieragħ organiċi hemm. B'dawn il-metodi nkunu qegħdin inħarsu l-biodiversità li teżisti fl-għelieqi stess.**



Nistgħu nsemmu wkoll annimali tal-qatla bħal tiġieġ u ngħaġ li jkunu mrobbijin fuq sistema organika, jiġifieri li ma jingħataw l-ebda mediċini żejda jew ormoni u jkunu jieklu biss ġwież organiku. Naturalment il-vantaġġ ta' dawn il-prodotti huwa li huma iktar nutrittivi u mija fil-mija tajbin għas-saħħa tal-bniedem.

Il-problema fil-biedja moderna tinħoloq minħabba l-użu ta' diversi tipi ta' bexx biex jiddakkru x-xtieli jew biex jinqered il-mard jew biex ikun ikkontrollat il-ħaxix ħażin. Hawn l-ideja żbaljata li fil-biedja organika ma' tista' tuża' l-ebda bexx u għalhekk min mhux intiż f'dan it-tip ta' biedja, għandu ċerti dubji kemm hija possibbli meta wieħed jara kemm hemm mard tal-pjanti. Mhux bil-fors ma tużax bexx fl-agrikultura organika. Hemm lista ta' bexx utli u fertilizzanti li huma permessi fil-liġi Ewropea. Il-bexx li jintuża jrid ikun tassew magħmul minn prodotti naturali. Barra minn hekk, irid jintuża biss meta jkun hemm bżonn.



L-agrikultura organika tisħaq fuq metodi ta' produzzjoni għaqlin, bħalma huma n-newba, it-taħlit ta' familji ta' ħaxix differenti, it-trawwim ta' fertilità tal-ħamrija billi jiżdied il-kontenut organiku tagħha bl-użu ta' kumpustaġġ u demel organiku. Anke d-demel li tuża' jrid ikun organiku wkoll. Dan ifisser li l-annimali li jagħmluh iridu jkunu trabbew b'metodi organiċi. F'pajjiżna ma tantx għandna annimali li jitrabbew b'metodi organiċi u għalhekk dan it-tip ta' demel trid tixtrih minn xi ħanut li jġib il-prodotti agrikoli minn barra. Inkella tista' tagħmel il-kompost tiegħek. Il-kompost tista' tagħmlu billi

tiġbor fdalijiet ta' ħaxix u pjanti, titfgħu f'ġenb u tħallih hemm sakemm jitkisser u jitmermer biż-żmien. Imbagħad tista' tiġbru u xxerdu fuq l-għalqa. Inkella tista' tħawwel pjanti tal-imżiewed, jiġifieri tal-familja tal-legumi. Dawn il-pjanti jkollhom il-mikrobi ġo l-għeruq tagħhom li jagħmlu n-nitrati fil-ħamrija. Imbagħad tista' taħrathom fil-ħamrija stess wara li jkun għadda l-istaġun ħalli l-ħaxix jitmermer fil-ħamrija.

Hemm min għandu l-ideja li bl-agrikultura organika tiġbor inqas prodott. Dan mhux bil-fors. Xi kultant tiġbor iktar. Skond kemm toqgħod miegħu. U jiddependi kemm jirnexxielek izzid il-kontenut organiku fil-ħamrija. Jekk ikollok riċiklaġġ ta' nutrijenti fil-ħamrija billi żżomm livell tajjeb ta' nutrijenti, se żżid il-produttività. L-ikbar problema ta' l-agrikultura organika hija l-ħaxix ħażin. Imma llum hawn il-mutur tat-tinqix u bih tista' tiffranka ħafna xogħol.

Hawn min igħidlek ukoll li ma jaqbillux jieħu dax-xogħol kollu biex imbagħad jinbiegħ bl-istess prezz fil-pitkalija. Dan mhux ser jibqa' hekk żgur. Fl-ewwel ta' Mejju 2004, iddaħħal l-avviż legali nru 237/2004 li jittratta dwar l-agrikultura organika. Bih iddaħħlet għall-ewwel darba f'Malta ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti organiċi. B'hekk inti, la darba l-prodott ikun iċċertifikat, jista' jinbiegħ bħala prodott organiku bi prezz aktar. Illum hawn ħafna nies li huma konxji minn saħħithom u jgħażlu x'jieklu u, maż-żmien, dejjem qegħdin jiżdiedu.

L-aħħar moda ta' l-ikel huma *il-G-M Foods*. Dawn mhumiex xi prodott ġdid tal-*General Motors* iżda tip ġdid ta' ikel li f'xi waqt tal-produzzjoni tiegħu ikun ġenetikament modifikat fil-laboratorju.

Skond id-ditti li qegħdin jipproduċu dan l-ikel huwa stmat li dan huwa ikel superjuri għal ikel naturali. Iżda għal min jieklu, dan l-ikel huwa aħjar għas-saħħa jew aħjar biss fid-dehra jew għax iservi iktar fuq l-ixkaffa?

Forsi mingħajr ma nafu ġa qed nikkonsmaw ikel ta' dan it-tip. Diversi prodotti li nixtru mis-*supermarkets* ġa huma ġenetikament modifikati.

60% tal-ikel lest fil-laned, ċikkulata, ċertu ħobż, gallettini u *fizzy drinks* huma prodotti magħmula



minn ikel modifikat jew ġejjin minn ħxejjex li kienu modifikati ġenetikament fil-laboratorju. Hawn ħafna jaħsbuha bħali, u l-parir huwa li qabel ikollna informazzjoni iktar dwar dan it-tip ta' ikel, għandna nevitawh kemm nistgħu.

Il-problema hija kif ser inkunu nafu li l-prodott li nixtru ma fihx ikel G-M. Għalhekk bħala konsumaturi għandna nkunu informati fuq it-tikketta dwar dan. Ċerti *supermarkets* barra minn Malta qegħdin ineħħu minn fuq l-ixkaffef tagħhom dawk il-prodotti kollha li fihom ikel G-M. Oħrajn qegħdin ipoġġu dan l-ikel għalih u jħallu f'idejn il-konsumatur biex jagħżel huwa.

F'dawn iż-żmenijiet anke min huwa veġeterjan ma jistax ikun żgur li l-ħaxix u l-frott li jikkonsma huwa mija fil-mija ħaxix u frott pur, għax seta' kien imbabas ġenetikament b'xi *genes* ta' l-annimali.

Minkejja dawn l-aħbarijiet xi ftit ħżiena qiegħed isir iktar studju dwar dan it-tip ta' ikel. Nisperaw li ix-xjenza jirnexxila tneħħi kull periklu li jista' jkollhom dawn il-prodotti, u fil-futur il-bniedem ikun jista' jużahom mingħajr biża' li jistgħu jagħmlu ħsara lil saħħtu.

Nixtiqilkom is-Sena t-Tajba!







## FEHMET IL-QARREJJA

# Il-Familja... fejn sejra?

Sur Editur,

Dejjem tibda f'xi post, imbagħad tasal fl-Ewropa u tidħol anki Malta. Aħna nikkupjaw it-tajjeb – u dan hu tajjeb – iżda, sfortunatament, nikkupjaw ukoll il-ħażin. Hi xi ħaġa tal-biki li tara u tisma' aħbarijiet li jnikktuk. Aħbarijiet dwar il-familja kif ħalaqha Alla u li llum għaddejja minn tempesti qliel li dejjem qed iniżżluha 'l isfel. Nibża' li fl-aħħar nistgħu niġu f'punt li ma jkunx fadal tama iżjed.

Dan li ġej hu taraġ ta' distruzzjoni tal-familja magħmula mill-bniedem.

L-ewwel daħal id-divorzju f'xi pajjiżi u dan tant kien aċċettat li daħħluh ħafna pajjiżi, fosthom dawk Ewropej. Dan żgur ma kienx ta' ġid imma ħoloq mentalità divorzista. Meta tara nies jiżżewġu għal ħafna drabi dan juri d-diżastru ta' din is-sitwazzjoni.

Tneħħiet il-liġi ta' l-adulterju. Illum allaħares issemmiha għax tkun qisek ikkommettejt att kriminali. Din il-liġi kienet hemm biex tipproteġi liż-żewġ naħat fejn konsegwentement kienu l-ulied l-aktar li jibbenefikaw minn din il-liġi.

Il-"progress" anki ġab lill-mara toħroġ barra mid-dar u taħdem. Għalkemm, personalment, ma nara xejn ħażin, f'ċerti każi din ġabet tkissir fil-familja.

L-akbar rigal li għandha l-mara hi li, fuq kollox, hi omm. Din il-kelma hi isbaħ minn manageress, avukatessa, tabiba, ħaddiema, eċċ.

Għalhekk is-soċjetà tnaffret għax illum l-ulied ħarġu mid-dell kenni ta' l-omm, l-imħabba naqset kif naqsu wkoll dawk il-pariri ta' vera mħabba u għalhekk l-ulied irribellaw u ta' età żgħira ħadu r-riedni f'idejhom għad-detriment tas-soċjetà. Li l-ulied iqattgħu lejl barra diġà hu diżastru, iżda aħna l-kbar għandna parti mit-tort ukoll. Issa għar-raba' tarġa. Din hi 'iż-żwieġ' bejn tnejn ta' l-istess sess. L-omosesswalità hi kundizzjoni ta' konsegwenza. Hekk kienet kitbet psikologa Ingliża fil-ktieb tagħha "Phsyco".

Jien inħoss li jkun żball irreparabbli li pajjiż jillegalizza li tnejn ta' l-istess sess 'jiżżewġu'. Il-ġerħa soċjali tikber jekk dawn ikollhom il-fakultà li jadottaw.



F'dan il-punt nemmen li hemm żewġ elementi ta' diżastru. L-ewwel għax Alla ħalaq raġel u mara f'rabta dejjiema u t-tieni li s-soċjetà tkun qed tagħmel inġustizzja kbira mit-tfal li jkunu kostretti jgħixu ħajjiethom f'familja ta' ġenituri ta' l-istess sess. Dawn it-tfal ikunu ttimbrati ħajjithom kollha, fl-iskola, fis-soċjetà u fost il-ħbieb, fuq ix-xogħol... kullimkien. Dan barra xi implikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu wara.

Is-soċjetà ta' llum liġijiet favur il-familja għandha bżonn u mhux liġijiet favur dak li jidher fuq it-televixin!

F'pajjiżna b'xorti tajba, għandna numru kbir ħafna ta' ġenituri li għall-edukazzjoni ta' uliedhom jagħmlu kollox. Lil uliedna qed ngħallmuhom minn kollox, iżda dwar il-familja u l-imħabba lejn xulxin qegħdin ngħallmuhom biżżejjed?!

Vera li r-reliġjon tgħallimhom dawn, iżda nħoss li r-reliġjon mhux qed tiġi mgħallma tajjeb biżżejjed. Per eżempju, jien naf għalliema tar-reliġjon li huma stess ma jipprattikawx is-Sagramenti, u jekk jien m'iniex konvint minn ħaġa kif nista' nagħtiha lil ħaddieħor?!

Inħeġġeġ lill-familji kollha Maltin u Għawdxin biex fi djarhom isir talb flimkien, kemm għalihom kif ukoll għall-familja għażiża Maltija.

**Michael Angelo Chircop**
**Ħamrun**

**SALIBA INTERIORS**

**Għal xogħol ta'**
**Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,**
**Partitions, Bulkheads, Coving,**
**Soffitti, Parquet Flooring.**
**Contact Raymond Saliba**
**Mob: 7970 2274**




TA' KENUNA
Bar & Restaurant

Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.




# Festival ta' l-Arti Marzjali

Dan l-aħħar Kancho Adrian Axisa u Master Mario Saliba organizzaw Festival ta' l-Arti Marzjali fuq jumejn fil-*Gozo Sports Complex*. Dan il-festival kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu li sar fil-gżira Għawxija.

Is-Sibt saru kompetizzjonijiet varji tal-*Martial Arts All Styles* fosthom *Back to Back*, *Viking Combat*, *Point Sparring*, *Free Style* and *Weapons Kata*. Fil-bidu l-*Gozo Kick Boxing Club* għamlu dimostrazzjoni tassew tajba tat-teknika tagħhom.

Wara li għaddew il-kompetizzjonijiet, kien hemm attivitajiet varji fosthom lecture tassew tajjeb ippreżentat minn Dr. Mark Xuereb li ttratta l-*injuries* li jistgħu jiġu kkawżati mill-prattika ta' l-arti marzjali u kif wieħed jista' jevitahom, dimostrazzjonijiet mill-*Malta Spirit Combat Association*, klassi tal-*Aerobics* immexija minn Jes Sciberras li għaliha attendew ħafna, introduzzjoni tat-*Tai Chi* minn Charles Attard, u fl-aħħar Ryan Borg flimkien mat-tim tiegħu u wara Ozi Lino tellgħu wirja ta' kant. Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono attendiet għal din l-attività.

Il-Ħadd imbagħad, kienet il-ġurnata tal-kompetizzjonijiet tal-*Kick Boxing*. Il-*Gozo Spirit Combat Club* fetħu l-ġurnata b'wirja tassew tajba tat-talent tagħhom. Il-kompetizzjonijiet tal-*Kick Boxing* li kienu taħt il-kappa tal-*World Association of Kick Boxing Organisations (WAKO)* bdew bil-kompetizzjonijiet tan-*novices* u wara tal-*intermediates* u l-*advanced.*

L-attività l-iktar importanti ta' din il-ġurnata kienet il-kompetizzjoni internazzjonali bejn Malta u l-Italja, fejn ir-riżultat finali ta' bejn iż-żewġ timijiet spiċċa *draw*.

Dr. Mark Xuereb ta *lecture* ieħor, din id-darba fuq kif xi mard popolari jista' jaffettwa lill-atleti. Wara Charles Attard introduċa l-passi bażiċi tal-*massage*.

Ħajr kbir imur lil Kancho Adrian Axisa li, barra li kien l-organiżżatur ewlieni ta' dan it-tournament, mexxa wkoll il-kompetizzjonijiet kollha.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Kancho Adrian Axisa wieħed jista' jikkuntattja fuq 99256363 f'Malta u Master Mario Saliba fuq 99849039 f'Għawdex.






### *Malajr sab soluzzjoni!*

Raġel Kanadiż, mgħaddab għax ma ngħatax biljett mill-Ajruport Internazzjonali ta' Los Angeles biex imur lejn l-Awstralja, neża' għarwien, telaq jiġri fuq t-tarmac u tela' fil-kompartament tar-rota ta' *Jumbo Jet* waqt li kien miexi. Il-bdoti ta' l-ajruplan tal-linja Awstraljana *Qantas* mill-ewwel waqqfu l-*Jumbo Jet* u r-raġel aktar tard ġie arrestat talli daħal fejn mhux suppost. Kelliema għall-ajruport qalet li kieku r-raġel baqa' mdendel fejn kien, bl-ajruplan jiġri b'veloċità ta' 320 kilometru fis-siegħa biex jaqta', huwa kien jaqa' u jinġibed minn xi makna.

### *Jiekol volpi bi protesta!*

L-artist Ingliż Mark McGowan, li fost avventuri li wettaq kien imbotta bi mnieħru karawetta fl-art fit-triq li tagħti għar-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru Tony Blair, il-bieraħ iddeċieda li jiekol volpi fil-pubbliku bi protesta għall-furur li qam wara l-ħruġ ta' liġi kontra l-kaċċa tal-volpi. Huwa ddeskriva l-volpi mixwi bħala "delizzjuż mhux ħażin" għalkemm ammetta li diversi drabi kien se jirremetti. Huwa qal li se jirrepeti "l-ikla tal-protesta" f'wirja ta' l-arti f'Docklands fil-15 ta' Diċembru.

### *Waqqaf sistema ta' treni!*

Treni fuq roti mill-aktar bieżla fil-Ġermanja damu weqfin għal erba' sigħat wara li sewwieq ta' waħda minnhom applika l-brejk ta' l-emerġenza minħabba li beża' li raġel li kien eżatt maġenb tal-linji kien qiegħed jikkontempla jagħmel suwiċidju. Madankollu r-raġel kien qiegħed biss jaqta' t-tut. Appena ngħata l-alarm b'mod awtomatiku, l-inġinieri waqqfu t-treni kollha fuq dik il-linja partikolari biex b'hekk inħolqot reazzjoni li dewmet 11-il tren milli jitilqu għal erba' sigħat u nofs. Il-pulizija qalu li r-raġel ta' 70 sena ntlemaħ hekk kif tbaxxa fuq il-linji qrib il-belt ta' Cologne iżda wara nstab li kien qiegħed jaqta' t-tut.

### *Qatlet biex tħossha importanti!*

Infermiera Taljana qatlet sitt pazjenti fi sptar provinċjali lejn it-Tramuntana ta' l-Italja minħabba li riedet li "tħossha aktar importanti". Il-Prosekuturi qalu li l-infermiera ta' 34 sena, li kienet taħdem fl-Isptar Alessandro Manzoni, qrib ir-raħal ta' Lecco, stqarret li kienet qatlet il-pazjenti permezz ta' injezzjoni ta' l-arja fil-vini. Is-sitta li huma mietu minħabba emboliżmu ta' arja li mblokka ċ-ċirkulazzjoni tad-demm. Ġie rraportat ukoll li l-vittmi kienu kollha anzjani jew morda li waslu biex imutu.

### *Malasjan jiżżewweġ għat-53 darba!*

Malasjan li għandu 72 sena żżewweġ għat-53 darba. Hu nsista li ma kienx '*playboy*' minkejja li wħud miż-żwiġijiet tiegħu damu biss ftit jiem. Kamarudin Mohamad iżżewweġ lill-ewwel ex-mara tiegħu li ddivorzja fl-1958. Fost in-nisa li żżewweġ kien hemm ukoll Ingliża u żewġ Tajlandiżi.




### *L-EWWEL XARABANK F'GĦAWDEX*

L-ewwel trasport pubbliku bil-'*private bus*' f'Għawdex kien ġie pprovdut min-negozjant Loreto Xuereb mill-Qala (inset), bl-ewwel '*driver*' Toni Borg, mill-Qala wkoll. Dan ir-ritratt juri din l-ewwel xarabank mimlija bit-tfal, ipparkjata fi Pjazza Sant' Wistin, ir-Rabat. Min jaf jgħidilna x'sena kienet meta ġiet Għawdex?

# L-aqwa rigal għal uliedek

## jibqa' jiswa għal ħajjithom!




## TAGĦLIM NISRANI ĊAR U SOD!

**Sett ta' 9 kotba "Katekiżmu għaċ-Ċkejknin"**

*bi Skont Speċjali ta' 15% (Lm8)*

**bħala RIGAL UNIKU għat-tfal tagħna.**

**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496**

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti mill-kollezzjoni ta' Dr. Mario Saliba*



Wied il-Lunzjata



Fil-kampanja